I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 271/2008

tat-30 ta' Jannar 2008

li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 794/2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 27 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat ta' Konsulenza dwar l-Għajnuna mill-Istat,

Billi:

(1) Sabiex tiġi faċilitata u aċċellerata s-sottomissjoni tan-notifikazzjonijiet mill-Istati Membri ta' l-għajnuna mill-Istat u l-valutazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni, huwa mixtieq li jiġi ġeneralizzat l-użu tas-sistemi elettroniċi diġà stabbiliti.

(2) Sa mill-1 ta' Jannar 2006 l-Istati Membri ntalbu jibagħtu n-notifiki dwar l-għajnuna mill-Istat b'mod elettroniku. L-applikazzjoni ta' l-internet Notifiki Interattivi dwar l-Għajnuna mill-Istat (SANI) [2] saret funzjonali għal kollox u żiedet l-effiċjenza tal-proċeduri. Għal dawn ir-raġunijiet, sa mill-1 ta' Lulju 2008, l-użu tagħha għandu jsir obbligatorju għall-Istati Membri kollha sabiex jiġu ppreżentati notifiki lill-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

(3) Sa mill-1 ta' Jannar 2006 l-Istati Membri ntalbu wkoll jibagħtu il-korrispondenza kollha dwar in-notifiki dwar l-għajnuna mill-Istat b'mod elettroniku. Is-sistema tal-posta elettronika protetta Infrastruttura Pubblika Ewlenija (PKI) [3] ittestjata mill-Kummissjoni saret operattiva għal kollox. L-użu tagħha għandu għalhekk isir obbligatorju, sa mill-1 ta' Lulju 2008, għall-korrispondenza kollha ta' l-Istati Membri għall-Kummissjoni relatata ma' notifika.

(4) F'każijiet eċċezzjonali, bil-qbil tal-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati, għandu jsir possibbli li jintuża mezz ta' komunikazzjoni minbarra l-applikazzjoni stabbilita ta' l-internet jew sistema tal-posta elettronika protetta.

(5) L-Istati Membri għandhom ikunu mistiedna, fuq bażi volontarja, li jippreżentaw verżjoni separata mhux kunfidenzjali tan-notifika jew ta' kwalunkwe korrispondenza oħra marbuta man-notifika fejn dawn id-dokumenti jkunu jinkludu informazzjoni kunfidenzjali. Dan għandu jwassal għal tqassir tal-proċeduri u għandu jippermetti lill-Kummissjoni tiddeċiedi aktar faċilment dwar it-talbiet għal aċċess għad-dokumenti. Il-klassifikazzjoni ta' l-informazzjoni bħala kunfidenzjali għandha tiġi ġġustifikata mill-Istat Membru kkonċernat. L-obbligu li tiġi pprovvduta kopja separata mhux kunfidenzjali tan-notifika jew korrispondenza oħra marbuta man-notifika hija mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni tan-natura kunfidenzjali ta' l-informazzjoni ppreżentata.

---

[1] ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

[2] Dettalji dwar l-applikazzjoni ta' l-internet stabbilita huma ppubblikati fl-avviż tal-Kummissjoni "Dettalji dwar arranġament għat-trażmissjoni elettronika tan-notifiki dwar l-għajnuna mill-Istat inklużi l-indirizzi flimkien ma' l-arranġamenti għall-ħarsien ta' l-informazzjoni kunfidenzjali" (ĠU C 237, 27.9.2005, p. 3).

[3] Dettalji ppubblikati fl-avviż tal-Kummissjoni "Dettalji dwar l-arranġament għat-trażmissjoni elettronika tan-notifiki dwar l-għajnuna mill-Istat huma inklużi l-indirizzi flimkien ma' l-arranġamenti għall-ħarsien ta' l-informazzjoni kunfidenzjali".

(6) Sabiex titjieb it-trasparenza ta' l-għajnuna mill-Istat fil-Komunità, l-Istati Membri għandhom ikunu obbligati li jagħmlu referenza għan-numru ta' l-identifikazzjoni ta' l-għajnuna mill-Istat allokat għall-iskema ta' l-għajnuna mill-Istat kkonċernat mill-Kummissjoni f'kull għoti ta' għajnuna lil benefiċjarju finali, minbarra għal għajnuna mogħtija permezz ta' miżuri fiskali. Għall-istess raġuni, il-formola tan-notifika għandha tiġi mmodifikata sabiex tinkludi impenn li tippubblika fuq l-internet it-test sħiħ ta' l-iskemi ta' l-għajnuna finali kif approvati mill-Kummissjoni.

(7) Fid-dawl tal-bidliet fit-trażmissjoni tan-notifiki, id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-kalkolu tal-limiti taż-żmien għandhom ukoll jiġu aġġornati.

(8) Il-metodoloġija sabiex jiġu stabbiliti r-rati ta' l-imgħax applikabbli għall-irkupru ta' l-għajnuna illegali ssegwi l-metodoloġija sabiex jiġu stabbiliti r-rati ta' referenza u skont. Il-metodoloġija sabiex jiġu stabbiliti r-rati ta' referenza u skont ġiet reveduta. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 [1] li jirrigwarda r-rata ta' l-imgħax applikabbli fir-rigward ta' l-irkupru ta' l-għajnuna illegali għandhom għalhekk jiġu emendati sabiex jirriflettu dawn il-bidliet.

(9) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista tivvaluta aħjar l-effetti tal-miżuri ta' għajnuna nnotifikati fuq il-kompetizzjoni fis-suq intern, mistoqsijiet dwar il-potenzjal ta' dawn il-miżuri li jxekklu l-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju għandhom jiġu inklużi fil-forma tan-notifika.

(10) Skond il-każistika tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej [2], meta tiġi vvalutata l-kompatibilità ta' l-għajnuna mas-suq komuni, il-Kummissjoni għandha tieħu l-fatturi kollha relevanti in kunsiderazzjoni, inkluż, fejn relevanti, iċ-ċirkostanzi diġà kkunsidrati f'deċiżjoni preċedenti u l-obbligi li dik id-deċiżjoni preċedenti tista' tkun imponiet fuq Stat Membru. Il-Kummissjoni għalhekk għandha l-poter li tieħu in kunsiderazzjoni l-effett kumulattiv ta' kull għajnuna preċedenti u l-għajnuna l-ġdida, u l-fatt li l-għajnuna preċedenti ddikjarata illegali ma tkunx tħallset lura. Sabiex ikun possibbli għall-Kummissjoni li tapplika sistematikament din il-każistika għall-miżuri ta' għajnuna individwali u kif ukoll għall-iskemi ta' għajnuna, il-formola tan-notifika għandha tiġi mmodifikata.

(11) Minbarra l-bidliet introdotti f'Parti I ta' l-Anness I, emendi oħra għall-formoli ta' notifika huma meħtieġa, b'mod partikolari t-tħassir ta' Parti II ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 794/2004, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' l-informazzjoni mressqa mill-Istati Membri.

(12) Wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-linji gwida ġodda tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex jiġu inkoraġġiti l-investimenti tal-kapital tar-riskju f'impriżi żgħar u ta' daqs medju [3] u l-qafas tal-Komunità għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka, żvilupp u innovazzjoni [4] huwa neċessarju li jiġu sostitwiti l-formoli ta' notifika li jinsabu f'Parti III.11 u Parti III.6 a) u b) ta' l-Anness I, b'formoli ta' notifika ġodda li huma konformi ma' l-oqsfa kurrenti. Il-formoli tan-notifika l-oħra li jinsabu fil-Parti III ta' l-Anness I għadhom ma nbidlux.

(13) Sabiex tiġi assigurata ċ-ċertezza legali u tiżdied it-trasparenza fl-għoti ta' l-għajnuna fil-Komunità, il-formola ssimplifikata tan-notifika stipulata fl-Artikolu 4 (2) tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 u li tinsab fl-Anness II għandha tiġi emendata wkoll. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom ikunu obbligati jikkonfermaw li l-impenji kollha mogħtija għall-fini ta' skema approvata qabel jibqgħu validi għal kollox fir-rigward ta' miżura notifikata ta' għajnuna ġdida.

(14) Ir-Regolament (KE) Nru 794/2004 għandu għaldaqstant jiġi emendat kif jixraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 794/2004 għandu jiġi emendat kif ġej:

1) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Trażmissjoni tan-notifiki

1. In-notifika għandha tiġi trażmessa lill-Kummissjoni permezz ta' validazzjoni elettronika mwettqa mill-persuna maħtura mill-Istat Membru. Din in-notifika vvalidata għandha titqies bħala li ntbagħtet mir-Rappreżentant Permanenti.

2. Il-Kummissjoni għandha tindirizza l-korrispondenza tagħha lir-Rappreżentant Permanenti ta' l-Istat Membru kkonċernat, jew lil xi indirizz ieħor speċifikat minn dak l-Istat Membru.

3. Sa mill-1 ta' Lulju 2008, in-notifiki għandhom jiġu trażmessi elettronikament permezz ta' l-applikazzjoni ta' l-internet Notifiki Interattivi dwar l-Għajnuna mill-Istat (SANI).

Il-korrispondenza kollha fir-rigward ta' notifika għandha tiġi trażmessa elettronikament permezz tas-sistema tal-posta elettronika protetta Infrastruttura Pubblika Ewlenija (PKI).

4. F'ċirkustanzi eċċezzjonali u bi qbil bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat, mezz miftiehem ta' komunikazzjoni għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 3 jista' jintuża biex tintbagħat notifika jew xi korrispondenza li tirrigwarda n-notifika.

[1] ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1935/2006 (ĠU L 407, 30.12.2006, p. 1), kif ikoreġut bil-ĠU L 44, 15.2.2007, p. 3

[2] Każijiet konġunti T-244/93 u T-486/93 *TWD Textilwerke Deggendorf GmbH vs il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, [1995] ECR II-2265.

[3] ĠU C 194, 18.8.2006, p. 2.

[4] ĠU C 323, 30.12.2006, p. 1.

Jekk ma jkunx hemm ftehim bħal dan, kull notifika jew korrispondenza li tirrigwarda n-notifika li tintbagħat lill-Kummissjoni mill-Istat Membru permezz ta' mezz ta' komunikazzjoni għajr dawn imsemmija fil-paragrafu 3 ma titqiesx li tkun tressqet lill-Kummissjoni.

5. Fejn in-notifika jew il-korrispondenza fir-rigward tan-notifika tinkludi informazzjoni kunfidenzjali, l-Istat Membru kkonċernat għandu jidentifika b'mod ċar din l-informazzjoni u jagħti r-raġunijiet għall-ikklassifikar tagħha bħala kunfidenzjali.

6. L-Istati Membri għandhom jirreferu għan-numru ta' identifikazzjoni ta' l-għajnuna mill-Istat allokat lil skema ta' għajnuna mill-Kummissjoni f'kull għotja ta' għajnuna lil benefiċjarju finali.

Is-subparagrafu 1 m'għandux japplika għall-għajnuna mogħtija permezz ta' miżuri fiskali."

2) Fl-Artikolu 8, il-paragrafi 3 u 4 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Fir-rigward tat-termini ta' żmien għal azzjoni mill-Kummissjoni, il-wasla tan-notifika jew il-korrispondenza sussegwenti skond l-Artikolu 3(1) u l Artikolu 3(3) ta' dan ir-Regolament għandha tkun il-ġrajja relevanti għall-fini ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71.

4. Fir-rigward ta' limiti ta' żmien għal azzjoni mill-Istati Membri, il-wasla tan-notifika jew il-korrispondenza relevanti mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament għandha tkun il-ġrajja relevanti għall-fini ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71."

3) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

Metodu għall-iffissar tar-rata ta' l-imgħax

1. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'deċiżjoni speċifika, ir-rata ta' l-imgħax li għandha tintuża sabiex tiġi rkuprata l-għajnuna mill-Istat mogħtija bi ksur ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat għandha tkun rata perċentwali annwali li tiġi stabbilita minn qabel mill-Kummissjoni f'kull sena kalendarja.

2. Din ir-rata ta' l-imgħax għandha tiġi kkalkulata billi jiġu miżjuda 100 punt bażi mar-rata tas-suq tal-flus għal sena. Fejn dawk ir-rati ma jkunux disponibbli, tintuża r-rata tas-suq tal-flus għal tliet xhur, jew fl-assenza tagħha, ir-rendita mill-bonds ta' l-Istat.

3. Fl-assenza ta' suq affidabbli tal-flus jew rendita affidabbli tal-bonds f'ishma jew *data* ekwivalenti jew f'ċirkustanzi eċċezzjonali, il-Kummissjoni tista', f'kollaborazzjoni mill-qrib ma' l-Istat Membru(i) kkonċernat(i), tiffissa r-rata ta' rkupru fuq il-bażi ta' metodu ieħor u fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li tkun disponibbli għaliha.

4. Ir-rata ta' l-irkupru tiġi reveduta darba kull sena. Ir-rata bażi tiġi kkalkulata fuq il-bażi tar-rata tas-suq tal-flus għal sena rreġistrata f'Settembru, Ottubru u Novembru tas-sena kkonċernata. Ir-rata kkalkulata b'dan il-mod tapplika matul is-sena ta' wara.

5. Barra minn hekk, sabiex jittieħdu in konsiderazzjoni l-varjazzjonijiet sinifikanti u għall-għarrieda, isir aġġornament kull darba li r-rata medja, ikkalkulata fuq it-tliet xhur preċedenti, tiddevja b'iktar minn 15 % mir-rata fis-seħħ. Din ir-rata ġdida tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara x-xhur li fuqhom jinħadem il-kalkolu."

4) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Ir-rata ta' l-imgħax imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi applikata matul il-perjodu kollu sad-data ta' l-irkupru. Madankollu, jekk tkun għaddiet aktar minn sena waħda bejn id-data li fiha l-għajnuna illegali tkun tpoġġiet għall-ewwel darba għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju u d-data ta' l-irkupru ta' l-għajnuna, ir-rata ta' l-imgħax għandha tiġi kkalkulata mill-ġdid f'intervalli annwali, filwaqt li tieħu bħala bażi r-rata fis-seħħ fiż-żmien ta' l-ikkalkular mill-ġdid."

5) L-Annessi huma emendati skond l-Annessi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu *fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Jannar 2008.

Għall-Kummissjoni
Neelie KROES
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti I. Informazzjoni Ġenerali hija sostitwita b'li ġej:

"**Parti I.**

Informazzjoni Ġenerali

Status tan-notifika

L-informazzjoni trażmessa fuq din il-formola tikkonċerna:

☐ **notifika skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat tal-KE?**

☐ **għajnuna illegali possibbli** [1]**?**

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika d-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-għajnuna. Jekk jogħġbok imla din il-formola, flimkien mal-formoli supplimentari relevanti.

☐ **miżura mhux ta' għajnuna li tiġi notifikata lill-Kummissjoni għal raġunijiet ta' ċertezza legali?**

Jekk jogħġbok indika hawn taħt ir-raġunijiet għaliex l-Istat Membru li qed jagħmel in-notifika jqis li l-miżura ma tissostitwixxix għajnuna mill-Istat fit-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE. Jekk jogħġbok imla l-partijiet relevanti ta' din il-formola u pprovdi d-dokumentazzjoni ta' appoġġ kollha possibbli.

Miżura ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat jekk waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE mhix issodisfata. Jekk jogħġbok ipprovdi valutazzjoni sħiħa tal-miżura fid-dawl tal-kriterji li ġejjin u ffoka b'mod partikolari fuq il-kriterju li inti tqis li ma ġiex issodisfat:

— L-ebda trasferiment ta' riżorsi pubbliċi (*Pereżempju, jekk tqis li miżura mhix imputabbli fuq l-Istat jew tqis li se jiddaħħlu miżuri regolatorji mingħajr trasferiment ta' riżorsi pubbliċi*)

— L-ebda vantaġġ (*Pereżempju, fejn huwa rrispettat il-prinċipju ta' l-investitur privat tas-suq*)

— L-ebda selettività/speċifiċità (*Pereżempju, fejn il-miżura hija disponibbli għall-intrapriżi kollha, fis-setturi kollha ta' l-ekonomija u mingħajr limitazzjonijiet territorjali u mingħajr diskrezzjoni*)

— L-ebda tfixkil tal-kompetizzjoni/l-ebda effett fuq il-kummerċ intra-komunitarju (*Pereżempju, fejn l-attività mhix ta' natura ekonomika jew fejn l-attività ekonomika hija purament lokali*)

1. **Identifikazzjoni ta' min qed jagħti l-għajnuna**

1.1. L-Istat Membru kkonċernat: .....

1.2. Ir-reġjun(i) kkonċernat(i) (jekk applikabbli): .....

1.3. Persuna li tista' tiġi kkuntattjata:

Isem: .....

Indirizz: .....

Telefon: .....

Fax: .....

Indirizz elettroniku: .....

1.4. Persuna responsabbli li tista' tiġi kkuntattjata fir-Rappreżentanza Permanenti

Isem: .....

Telefon: .....

Fax: .....

Indirizz elettroniku: .....

1.5. Jekk tixtieq li kopja tal-korrispondenza uffiċjali mibgħuta mill-Kummissjoni lill-Istat Membru tiġi mgħoddija lil awtoritajiet nazzjonali l-oħra, jekk jogħġbok indika hawn l-isem u l-indirizz tagħhom:

Isem: .....

Indirizz: .....

.....

.....

([1]) Skond l-Artikolu 1(f) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1) (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament Proċedurali"), l-għajnuna illegali għandha tfisser għajnuna ġdida implimentata f'kontravenzjoni ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat tal-KE.

1.6. Indika r-referenza ta' l-Istat Membru jekk tixtieq tiġi inkluż fil-korrispondenza mill-Kummissjoni

.....

1.7. Jekk jogħġbok indika l-isem u l-indirizz ta' l-awtorità li tagħmel l-għotja:

.....

.....

.....

.....

2. **Identifikazzjoni ta' l-għajnuna**

2.1. Titolu ta' l-għajnuna (jew isem tal-kumpanija benefiċjarja fil-każ ta' għajnuna individwali)

.....

2.2. Deskrizzjoni fil-qosor ta' l-għan ta' l-għajnuna.

Jekk jogħġbok indika l-għan primarju ta' l-għajnuna u, jekk applikabbli, l-għan(ijiet) sekondarju(i):

	Għan primarju *(Jekk jogħġbok immarka waħda biss)*	**Għan sekondarju** [2]
Żvilupp reġjonali	☐	☐
Riċerka u żvilupp	☐	☐
Innovazzjoni	☐	☐
Protezzjoni ambjentali	☐	☐
Iffrankar ta' l-enerġija	☐	☐
Salvataġġ ta' azjendi f'diffikultà	☐	☐
Ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà	☐	☐
Għajnuna mogħtija għall-għeluq	☐	☐
SMEs	☐	☐
Impjiegi	☐	☐
Taħriġ	☐	☐
Kapital tar-riskju	☐	☐
Promozzjoni ta' l-esportazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni	☐	☐
Servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali	☐	☐
Żvilupp settorjali [3]	☐	☐
Appoġġ soċjali għal konsumaturi individwali	☐	☐
Kumpens għal ħsarat ikkawżati minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali	☐	☐
Eżekuzzjoni ta' proġett importanti ta' interess komuni Ewropew	☐	☐
Rimedju għal fattur li jiddisturba serjament l-ekonomija	☐	☐
Konservazzjoni tal-wirt	☐	☐
Kultura	☐	☐

[2] Għan sekondarju huwa wieħed li għalih, flimkien ma' l-għan primarju, l-għajnuna tkun iddedikata esklussivament. Pereżempju, skema li għaliha l-għan primarju huwa r-riċerka u l-iżvilupp jista' jkollha bħala għan sekondarju l-intrapriżi żgħar jew ta' daqs medju (SME) jekk l-għajnuna hija ddedikata esklussivament għall-SME. L-għan sekondarju jista' wkoll ikun settorjali, fil-każ pereżempju ta' skema tar-riċerka u l-iżvilupp fis-settur ta' l-azzar.

[3] Jekk jogħġbok speċifika s-settur fil-punt 4.2.

2.3. Skema — Għajnuna individwali ([4])

2.3.1. In-notifika tirrigwarda skema ta' għajnuna?

☐ iva ☐ le

— Jekk iva, l-iskema temenda skema ta' għajnuna eżistenti?

☐ iva ☐ le

— Jekk iva, il-kundizzjonijiet stabbiliti għall-proċedura ssimplifikata ta' notifika skond l-Artikolu 4(2) tar-Regolament ta' l-Implimentazzjoni (KE) Nru 794/2004 huma ssodisfati?

☐ iva ☐ le

— Jekk iva, jekk jogħġbok uża u imla l-informazzjoni mitluba mill-formola ta' notifika ssimplifikata (ara l-Anness II).

— Jekk le, jekk jogħġbok kompli b'din il-formola u speċifika jekk l-iskema oriġinali li qed tiġi emendata ġietx innotifikata lill-Kummissjoni.

☐ iva ☐ le

— Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:

Skema ta' għajnuna: .....

Data ta' l-approvazzjoni mill-Kummissjoni (referenza għall-ittra tal-Kummissjoni (SG(…)D/…):

…/…/… .....

Tul ta' l-iskema oriġinali: .....

.....

Jekk jogħġbok speċifika liema kundizzjonijet qed jiġu emendati fir-rigward ta' l-iskema oriġinali u għaliex:

.....

2.3.2 In-notifika tirrigwarda għajnuna individwali?

☐ iva ☐ le

— Jekk iva, jekk jogħġbok immarka l-kaxxa relevanti

☐ għajnuna abbażi ta' skema li għandha tiġi nnotifikata individwalment

Referenza ta' l-iskema oriġinali:

Titlu: .....

Skema ta' għajnuna: .....

Ittra ta' l-approvazzjoni tal-Kummissjoni: .....

☐ għajnuna individwali mhux ibbażata fuq skema

2.3.3. In-notifika tirrigwarda għajnuna individwali jew skema nnotifikata skond regolament ta' eżenzjoni? Jekk iva, jekk jogħġbok immarka l-kaxxa relevanti:

☐ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat lill-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju ([5]). Jekk jogħġbok uża d-dokument ta' informazzjoni supplimentari taħt il-parti III, 1

☐ Ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 68/2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar l-għajnuna għat-taħriġ ([6]). Jekk jogħġbok uża d-dokument ta' informazzjoni supplimentari taħt il-Parti III, 2

([4]) Skond l-Artikolu 1(e) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1), l-għajnuna individwali għandha tfisser għajnuna li ma tingħatax fuq il-bażi ta' skema ta' għajnuna u għoti notifikabbli fuq il-bażi ta' skema.

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat lill-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, (ĠU L 10, 13.1.2001, p. 33), kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 364/2004, (ĠU L 63/2004 28.2.2004, p. 22), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 (ĠU L 358, 16.12.2006, p. 3.) u r-Regolament tal-Kummissjoni KE Nru 1976/2006 (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 85).

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 68/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat lill-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, (ĠU L 10, 13.1.2001, p. 20), kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 363/2004, (ĠU L 63/2004 28.2.2004, p. 20), u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1976/2006, (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 85).

☐ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2204/2002 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat ta' l-UE dwar l-għajnuna mill-Istat għall-impjiegi ([7]). Jekk jogħġbok uża d-dokument ta' informazzjoni supplimentari taħt il-Parti III, 3

☐ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1628/2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna nazzjonali għall-investiment reġjonali ([8]).

☐ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar application of Articles 87 and 88 of the Treaty to State aid to small and medium-sized enterprises active in the production of agricultural products and amending Regulation (EC) No 70/2001 ([9])

3. **Bażi Legali Nazzjonali**

3.1. Jekk jogħġbok elenka l-bażi legali nazzjonali inklużi d-dispożizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni u s-sorsi rispettivi ta' referenza:

Titlu: .....

.....

.....

.....

Referenza (fejn applikabbli): .....

.....

.....

3.2. Jekk jogħġbok indika d-dokument(i) meħmuża ma' din in-notifika:

☐ Kopja tas-siltiet relevanti tat-test(i) finali tal-bażi legali (bħala ħolqa ta' l-internet, jekk possibbli)

☐ Kopja tas-siltiet relevanti tat-test(i) proviżorji tal-bażi legali (bħala ħolqa ta' l-internet, jekk possibbli)

3.3. Fil-każ ta' test finali, dan it-test finali fih klawżola li biha l-entità li tagħti l-għajnuna tista' biss tagħmel dan wara li l-Kummissjoni tkun tat l-approvazzjoni tagħha (stand still clause)?

☐ iva ☐ le

3.4. Aċċess għat-test sħiħ ta' l-iskemi — fil-każ ta' skema ta' għajnuna jekk jogħġbok:

— impenja ruħek li tippubblika t-test sħiħ ta' l-iskemi finali ta' l-għajnuna fuq l-internet.

☐ iva

Jekk jogħġbok agħti l-indirizz ta' l-internet: .....

— ikkonferma li l-iskema m'hix se tiġi applikata qabel ma l-informazzjoni tiġi ppubblikata fuq l-internet.

☐ iva

4. **Benefiċjarji**

4.1. Fejn jinsab(u) (i)l-benefiċjarju/i

☐ f'reġjun(i) mhux assistit(i): .....

☐ f'reġjun(i) eliġibbli għall-assistenza skond l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat tal-KE (speċifika jekk hux fil-livell 3 ta' l-NUTS jew anqas): .....

☐ f'reġjun(i) eliġibbli għall-assistenza skond l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat tal-KE (speċifika jekk hux fil-livell 2 ta' l-NUTS jew anqas): .....

☐ imħallta: speċifika .....

([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2204/2002 tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE dwar għajnuna mill-Istat għax-xogħol (ĠU L 337, 13.12.2002, p. 3 u (ĠU L 349, 24.12.2002, p. 126) kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1976/2006, (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 85).

([8]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1628/2006 ta' l-24 ta' Ottubru 29 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna nazzjonali għall-investiment reġjonali, (ĠU L 302, 1.11.2006, p. 29).

([9]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna mill-Istat għall-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni tal-prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 (ĠU L 358, 16.12.2006, p. 3).

4.2. Fejn jinsab(u) (i)l-benefiċjarju/i:

☐ Mhux speċifiku għas-settur

☐ Speċifiku għas-settur, jekk jogħġbok speċifika skond il-klassifikazzjoni NACE rev. 2 ([10]): .....

4.3. F'każ ta' għajnuna individwali:

Pubblikazzjoni tal-benefiċjarji: .....

Tip ta' benefiċjarju: .....

☐ SME

In-Numru ta' impjegati: .....

Il-fatturat annwali: .....

Il-karta tal-bilanċ annwali: .....

Indipendenza: .....

(jekk jogħġbok ehmeż dikjarazzjoni solenni skond ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-SME ([11]) jew agħti provi oħra sabiex turi l-kriterji ta' hawn fuq): .....

☐ impriża kbira

☐ impriża f'diffikultajiet ([12])

4.4. F'każ ta' skema ta' għajnuna:

Tip ta' benefiċjarju:

☐ l-impriżi kollha (impriżi kbar u żgħar u ta' daqs medju)

☐ impriżi kbar biss

☐ l-impriżi żgħar u ta' daqs medju ([13])

☐ impriżi ta' daqs medju

☐ impriżi żgħar

☐ impriżi mikro

☐ il-benefiċjarji li ġejjin: .....

Stima tan-numru ta' benefiċjarji:

☐ taħt l-10

☐ minn 11 sa 50

☐ minn 51 sa 100

☐ minn 101 sa 500

☐ minn 501 sa 1000

☐ aktar minn 1000

([10]) NACE hija l-Klassifikazzjoni Statistika ta' l-Attivitajiet Ekonomiċi fil-Komunità Ewropea. Ara r-Regolament (KE) Nru 1893/2006 ta' l-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni ta' l-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi ta' l-NACE Reviżjoni 2 (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1). NACE Reviżjoni 2 tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008.

([11]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' l-impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 364/2004 illi jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 fir-rigward ta' l-estensjoni ta' l-applikabilità tiegħu illi jinkludi l-għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp, (ĠU L 63, 28.2.2004, p. 22); jew xi leġiżlazzjoni sussegwenti li tissostitwixxiha.

([12]) Kif definita fil-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' azjendi f'diffikultà (ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2).

([13]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' l-impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 364/2004 illi jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 fir-rigward ta' l-estensjoni ta' l-applikabilità tiegħu illi jinkludi l-għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp, (ĠU L 63, 28.2.2004, p. 22); Jew xi leġiżlazzjoni sussegwenti li tissostitwixxiha.

5. **AMMONT TA' GĦAJNUNA/NEFQA ANNWALI** ([14])

Fil-każ ta' għajnuna individwali, indika l-ammont globali ta' kull miżura kkonċernata:

.....

Fil-każ ta' skema, indika l-ammont annwali tal-baġit ippjanat u l-ammont globali:

.....

Għall-miżuri tat-taxxa, jekk jogħġbok indika l-istima tat-telf annwali u globali tad-dħul minħabba konċessjonijiet tat-taxxa għall-perjodu kopert bin-notifika:

.....

Jekk il-baġit ma jiġix adottat annwalment, jekk jogħġbok speċifika liema perjodu jkopri:

.....

Jekk in-notifika tirrigwarda bidliet għal skema eżistenti, jekk jogħġbok agħti l-effetti baġitarji tal-bidliet notifikati għall-iskema:

.....

6. **Forma ta' l-għajnuna u l-mezzi tal-finanzjament**

Speċifika l-forma ta' l-għajnuna li titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju (fejn xieraq, għal kull miżura):

☐ Għotja diretta

☐ Għotja rimborsabbli

☐ Self b'imgħax favorevoli (inkluż dettalji dwar il-garanzija fuq is-self)

☐ Sussidju fuq l-imgħax

☐ Vantaġġ fiskali. Jekk jogħġbok speċifika:

- ☐ Benefiċċju fuq it-taxxa
- ☐ Tnaqqis fil-bażi tat-taxxa
- ☐ Tnaqqis fir-rata tat-taxxa
- ☐ Postponiment ta' ħlas ta' taxxa
- ☐ Oħrajn: .....

☐ Tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali

☐ Għoti ta' kapital ta' riskju

☐ Forma oħra ta' intervent fil-kapital. Jekk jogħġbok speċifika: .....

☐ Maħfra tad-dejn

☐ Garanzija (inkluż fost affarijiet oħra informazzjoni dwar is-self jew xi tranżazzjoni oħra koperta bil-garanzija, il-garanzija mitluba u l-premium li jrid jitħallas)

☐ Oħrajn. Jekk jogħġbok speċifika: .....

Għal kull strument ta' għajnuna, jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni preċiża tar-regoli u l-kundizzjonijiet ta' l-applikazzjoni tiegħu, inkluża b'mod partikolari r-rata ta' l-għoti, it-trattament tiegħu tat-taxxa u jekk l-għajnuna tingħatax awtomatikament ladarba ċerti kriterji oġġettivi jkunu ġew issodisfati (jekk iva, jekk jogħġbok semmi l-kriterji) jew jekk hemmx element ta' diskrezzjoni mill-awtoritajiet li jagħmlu l-għotja.

.....

([14]) Id-data kollha għandha tiġi pprovduta fil-munita nazzjonali.

Speċifika l-finanzjament ta' l-għajnuna: jekk l-għajnuna mhux iffinanzjata permezz tal-baġit ġenerali ta' l-Istat/reġjun/muniċipalità, jekk jogħġbok spjega l-mod kif inhi ffinanzjata:

☐ Permezz ta' ħlasijiet parafiskali jew taxxi affettwati għal benefiċjarju, li ma jkunx l-Istat. Jekk jogħġbok agħti d-dettalji kollha ta' l-ispejjeż u l-prodotti jew attivitajiet li fuqhom jingabru. Speċifika b'mod partikolari jekk prodotti importati minn Stati Membri oħra humiex suġġetti għal dawn il-ħlasijiet. Ehmeż kopja tal-bażi legali għall-impożizzjoni tal-ħlasijiet

.....

☐ Riżervi akkumulati

☐ Impriżi pubbliċi

☐ Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika)

7. **Tul ta' żmien**

7.1. F'każ ta' għajnuna individwali:

Indika d-data meta l-għajnuna tidħol fis-seħħ (jekk l-għajnuna se tingħata f'porzjonijiet, indika d-data ppjanata ta' kull porzjon):

.....

Speċifika t-tul ta' żmien tal-miżura li għaliha tingħata l-għajnuna, jekk applikabbli:

.....

7.2. Fil-każ ta' skema ġdida:

Indika d-data ppjanta li minnha l-għajnuna tista' tingħata:

.....

Indika l-aħħar data ppjanata li fiha tista' tingħata l-għajnuna:

.....

Jekk it-tul jaqbeż is-sitt snin, jekk jogħġbok uri li perjodu ta' żmien itwal huwa indispensabbli sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-iskema:

.....

8. **Akkumulazzjoni tat-tipi differenti ta' għajnuna**

L-għajnuna tista' tiġi akkumulata bl-għajnuna rċevuta minn skemi oħra lokali, reġjonali, nazzjonali jew tal-Komunità sabiex jiġu koperti l-istess spejjeż eliġibbli?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, iddeskrivi l-mekkaniżmi stabbiliti sabiex jiġi żgurat li r-regoli ta' l-akkumulazzjoni huma rispettati:

.....

9. **Kunfidenzjalità professjonali**

In-notifika tinkludi informazzjoni kunfidenzjali li m'għandhiex tiġi żvelata lil partijiet terzi?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok indika liema partijiet huma kunfidenzjali u spjega għaliex:

.....

.....

.....

L-Istat Membru jissottometti verżjoni mhux kunfidenzjali tan-notifika fuq bażi volontarja?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, il-Kummissjoni tista' tippubblika din il-verżjoni mingħajr ma titlob lill-Istat Membru sabiex jikkonferma l-kontenut tagħha.

10. **Kumpatibbiltà ta' l-għajnuna**

10.1 Jekk jogħġbok identifika liema mir-Regolamenti, frameworks, linji gwida u testi oħra eżistenti applikabbli għall-għajnuna mill-Istat jipprovdu bażi legali espliċita għall-awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna (fejn xieraq jekk jogħġbok speċifika dan għal kull miżura) u imla d-dokument/i relevanti ta' informazzjoni supplimentari fil-Parti III

☐ għajnuna lill-SME

☐ Notifika ta' għajnuna individwali skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 70/2001, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 364/2004

☐ Notifika ta' għajnuna individwali jew skema ta' għajnuna skond l-Artikolu 6a tar-Regolament (KE) Nru 70/2001, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 364/2004

☐ Notifika għaċ-ċertezza legali

☐ Għajnuna għall-SMEs fis-settur ta' l-agrikoltura

☐ Għajnuna għat-taħriġ

☐ Notifika ta' għajnuna individwali skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 68/2001, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 363/2004

☐ Notifika għaċ-ċertezza legali

☐ Għajnuna għall-Impjiegi

☐ Notifika ta' għajnuna individwali skond l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 2204/2002

☐ Notifika ta' skema skond l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 2204/2002

☐ Notifika għaċ-ċertezza legali

☐ Għajnuna reġjonali

☐ Notifika ta' l-għajnuna skond Guidelines on national regional aid for 2007-

☐ Notifika ta' għajnuna skond il-punt 64 ta' Guidelines on national regional aid for 2007-2013 (proġetti kbar ta' investiment)

☐ Notifika ta' għajnuna skoknd l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1628/2006

☐ Notifika għaċ-ċertezza legali

☐ Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni

☐ Għajnuna għas-salvataġġ ta' azjendi f'diffikultà

☐ Għajnuna għar-ristrutturar ta' azjendi f'diffikultà

☐ Għajnuna għall-produzzjoni awdjoviżiva

☐ Għajnujna għall-protezzjoni ambjentali

☐ Għajnuna ta' kapital tar-riskju

☐ Għajnuna lis-settur agrikolu

☐ Għajnuna lis-settur tas-sajd

☐ Għajnuna lis-settur tat-trasport

☐ Għajnuna għall-bini tal-vapuri

10.2 Fejn ir-Regolamenti, frameworks, linji gwida jew testi oħra eżistenti applikabbli għall-għajnuna mill-Istat ma jipprovdux bażi espliċita għall-approvazzjoni ta' xi għajnuna koperta minn din il-formola, jekk jogħġbok ipprovdi ġustifikazzjoni kompletament immotivata dwar għaliex l-għajnuna tista' titqies bħala kompatibbli mat-Trattat tal-KE, b'referenza għall-klawżola ta' eżenzjoni relevanti tat-Trattat tal-KE (Artikolu 86(2), Artikolu 87(2) (a) jew (b), Artikolu 87(3) (a), (b), (c) jew (d)) u kif ukoll dispożizzjonijiet speċifiċi oħra li jirrigwardaw l-Agrikoltura u t-Trasport.

(15) Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali għall-2007-2013, (ĠU C 54, 4.3.2006, p. 13).

10.3 Fejn ir-Regolamenti, frameworks, linji gwida jew testi oħra eżistenti applikabbli għall-għajnuna mill-istat ma jipprovdux bażi espliċita għall-approvazzjoni u fejn ma jkunx mitlub mid-dokument(i) relevanti ta' informazzjoni supplimentari f'parti III, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li jmiss dwar l-impatt probabbli tal-miżura notifikata fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

Din l-informazzjoni hija meħtieġa sabiex titlesta l-valutazzjoni magħmula mill-Kummissjoni li tibbilanċja l-impatt pożittiv tal-miżura ta' għajnuna (kisba ta' għan ta' interess komuni) kontra l-effetti kollaterali potenzjalment negattivi (tfixkil tal-kummerċ u tal-kompetizzjoni).

10.3.1 *Għal għajnuna individwali:*

A) Impatt fuq il-kompetizzjoni: Jekk jogħġbok speċifika u ddeskrivi s-swieq tal-prodotti li fuqhom l-għajnuna probabbli li jkollha impatt sinifikanti, l-istruttura u d-dinamika ta' dawk is-swieq u s-sehem tas-suq indikattiv tal-benefiċjarju:

.....

B) Impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-effetti fuq il-kummerċ (bidla fil-flussi tal-kummerċ u fil-post ta' l-attività ekonomika)

.....

10.3.2 *Għal skemi ta' għajnuna:*

A) Impatt fuq il-kompetizzjoni: Jekk jogħġbok speċifika u ddeskrivi s-swieq tal-prodotti li fuqhom l-għajnuna probabbli li jkollha impatt sinifikanti, l-istruttura u d-dinamika ta' dawk is-swieq:

.....

B) Impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-effetti fuq il-kummerċ (bidla fil-flussi tal-kummerċ u fil-post ta' l-attività ekonomika)

.....

11. **Ordnijiet ta' rkupru pendenti**

11.1. F'każ ta' għajnuna individwali:

L-awtoritajiet ta' l-Istat Membru jimpenjaw ruħhom li jissospendu l-ħlas ta' kull għajnuna taħt l-iskema nnotifikata lil kull impriża li għad għandha għad-dispożizzjoni tagħha għajnuna illegali preċedenti ddikjarata bħala inkompatibbli b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni (kemm jekk tikkonċerna għajnuna individwali u kif ukoll skema ta' għajnuna) sakemm dik l-impriża tkun irrimborsat jew poġġiet f'kont ibblukkat l-ammont sħiħ ta' l-għajnuna illegali u inkompatibbli u l-imgħax ta' l-irkupru li jikkorrispondi magħha.

☐ iva ☐ le

11.2. F'każ ta' skemi ta' għajnuna:

L-awtoritajiet ta' l-Istat Membru jimpenjaw ruħhom li jissospendu l-ħlas ta' kull għajnuna taħt l-iskema nnotifikata lil kull impriża li bbenefikat minn għajnuna illegali preċedenti ddikjarata bħala inkompatibbli b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni, sakemm dik l-impriża tkun irrimborsat jew poġġiet f'kont ibblukkat l-ammont sħiħ ta' l-għajnuna illegali u inkompatibbli u l-imgħax ta' l-irkupru li jikkorrispondi magħha.

☐ iva ☐ le

12. **Informazzjoni oħra**

Jekk jogħġbok indika hawn kull informazzjoni oħra li tikkunsidra relevanti għall-valutazzjoni tal-miżura/i kkonċernata/i taħt ir-regoli ta' l-għajnuna mill-Istat.

13. **Dokumenti mehmuża**

Jekk jogħġbok elenka hawn id-dokumenti kollha li huma mehmuża man-notifika u pprovdi kopji fuq karta jew *links* ta' l-internet għad-dokumenti kkonċernati.

14. **Dikjarazzjoni**

Jiena niċċertifika li sa fejn naf, l-informazzjoni pprovduta fuq din il-formola, l-annessi tagħha u d-dokumenti mehmuża magħha hija preċiża u sħiħa.

Data u post tal-firma: .....

Firma: .....

Isem u pożizzjoni tal-persuna li qed tiffirma: ..... "

(2) Il-Parti II hija mħassra;

(3) Il-Parti III hija emendata hekk:

(a) Id-dokument ta' informazzjoni supplimentari 6.a hija sostitwita b' li ġej:

"PARTI III.6.A

DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI GĦALL-GĦAJNUNA GĦAR-RIĊERKA U L-IŻVILUPP U L-INNOVAZZJONI: SKEMI TA' L-GĦAJNUNA

Din il-karta ta' informazzjoni supplimentari għandha tiġi użata għan-notifika ta' kwalunkwe skema ta' għajnuna ([16]) *koperta mill-qafas tal-Komunità għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni (minn issa 'l quddiem 'il-qafas R&D&I')* ([17]). *Għandha tintuża wkoll għall-iskemi ta' għajnuna għar-Riċerka u l-Iżvilupp għall-SMEs, li ma jaqgħux taħt ir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali* ([18]) *u kif ukoll għall-għajnuna maħsuba għall-produzzjoni, l-ipproċessar u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti agrikoli.*

1. **KARATTERISTIĊI BAŻIĊI TAL-MIŻURA NOTIFIKATA**

Jekk jogħġbok imla l-partijet rilevanti tal-formola ta' notifika li tikkorrispondi għat-tip ta' skema notifikata. Hawn taħt għandek issib gwida bażika.

A) Jekk jogħġbok speċifika t-tip ta' għajnuna u imla l-partijiet xierqa ta' **Taqsima 4** ('Kompatibbiltà ta' l-għajnuna taħt l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat tal-KE') ta' din il-karta ta' informazzjoni supplimentari:

☐ Għajnuna għall-proġetti R&D, *imla Taqsima 4.1*;

☐ Għajnuna għall-istudji tal-fattibbiltà teknika, *imla Taqsima 4.2*;

☐ Għajnuna għall-ispejjeż ta' l-SMEs dwar drittijiet tal-proprjetà industrijali, *imla Taqsima 4.3*;

☐ Għajnuna għall-intrapriżi innovattivi żgħar, *imla Taqsima 4.4*;

☐ Għajnuna għall-innovazzjoni fil-proċess u l-organizzazzjoni tas-servizzi, *imla Taqsima 4.5*;

☐ Għajnuna għas-servizzi ta' konsulenza għall-innovazzjonijiet u għal servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni servizzi, *imla Taqsima 4.6*;

☐ Għajnuna għas-self ta' persunal bi kwalifiki għolja, *imla Taqsima 4.7*;

☐ Għajnuna għar-raggruppamenti ta' l-innovazzjoni, *imla Taqsima 4.8*.

*Barra minn hekk, jekk jogħġbok imla wkoll f'***Taqsima 5** *(L-effett ta' l-inċentiv u l-ħtieġa ta' l-għajnuna) u* Taqsima 8 *(Rappurtar u monitoraġġ) sabiex jiġu pprovduti l-konfermi mitluba.*

B) L-iskema ta' l-għajnuna tinvolvi organizzazzjonijiet ([19]) tar-riċerka/intermedjarji ta' l-innovazzjoni?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok imla Taqsima 2 u/jew 3 *('Organizzazzjonijiet tar-Riċerka u Intermedjarji ta' l-Innovazzjoni' u 'Għajnuna mill-Istat Indiretta għal impriżi permezz ta' organizzazzjonijiet tar-riċerka ffinanzjati minn fondi pubbliċi') ta' din il-karta ta' informazzjoni supplimentari.*

C) Tista' l-għajnuna tingħaqad ma' għajnuna oħra?

☐ iva ☐ le

*Jekk iva, imla fit-*Taqsima 6 *(Akkumulazzjoni) ta' din il-karta ta' informazzjoni supplimentari.*

D) L-għajnuna ta' l-R&D tikkonċerna prodotti elenkati fl-Anness I tat-Trattat tal-KE?

☐ iva ☐ le

*Jekk iva, imla fit-*Taqsima 7 *(Mistoqsijiet Speċifiċi relatati ma' l-agrikoltura u s-sajd) ta' din il-karta ta' informazzjoni supplimentari.*

([16]) Fir-rigward ta' l-għajnuna għall-promozzjoni ta' l-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess komuni Ewropew, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra wkoll bħala proġett grupp ta' proġetti flimkien. Għad-dettalji jekk jogħġbok ara t-Taqsima 4 tal-Karta ta' Informazzjoni Supplimentari għall-għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni: għajnuna individwali (il-parti III.6.b ta' l-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004).

([17]) Il-Qafas tal-Komunità għall-għajnuna mill-istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni, (ĠU C 323, 30.12.2006, p. 1).

([18]) Attwalment ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 10, 13.1.2001, p. 33), kif emendata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 364/2004 tal-25 ta' Frar 2004 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 fir-rigward ta' l-estensjoni ta' l-ambitu tiegħu sabiex jinkludi l-għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp (ĠU L 63, 28.2.2004, p. 22); jew kwalunkwe regolament sussegwenti minfloku.

([19]) Għad-definizzjoni ara it-Taqsima 2.2. (d) tal-Qafas R&D&I.

E) Jekk jogħġbok ikkonferma li jekk l-għajnuna speċifika ta' l-SME ([20])/bonus tingħata, il-benefiċjarji jikkonformaw mad-definizzjoni ta' l-SME kif definita fil-leġiżlazzjoni Komunitarja ([21]):

☐ iva

F) Jekk l-iskema tinvolvi l-kummissjonar/xiri ta' l-attivitajiet/riżultati ta' l-R&D mingħand impriżi mill-awtoritjiet pubbliċi, il-forniturimagħżula huma magħżula permezz ta' proċedura ta' sejħa miftuħa għall-offerti ([22])?

☐ iva ☐ le

Jekk le, jekk jogħġbok innota li tali pagamenti mill-awtoritajiet pubbliċi lill-impriżi normalment jinvolvu għajnuna mill-Istat.

G) Jekk applikabbli, jekk jogħġbok ipprovdi rata ta' skambju li ntużat għall-iskopijiet tan-notifika: ...

H) Jekk jogħġbok ikkonferma li kwalunkwe għajnuna mogħtija taħt l-iskema notifikata se tiġi notifikata individwalment lill-Kummissjoni jekk tilħaq il-limiti għal evalwazzjoni dettaljata stipulata fil-Parti 7.1 tal-Qafas R&D&I.

☐ iva

I) Id-dokumenti kollha pprovduti mill-Istati Membri bħala annessi mal-formola ta' notifika għandhom jiġu nnumerati u n-numri tad-dokumenti għandhom jiġu indikati fil-partijiet rilevanti ta' din il-karta ta' informazzjoni supplimentari.

2. **Organizzazzjonijiet tar-riċerka u intermedjarji ta' l-innovazzjoni bħala benefiċjarji ta' l-għajnuna mill-istat** ([23])

2.1 *Iffinanzjar pubbliku ta' attivitajiet mhux ekonomiċi*

A) L-organizzazzjonijiet tar-riċerka jew l-intermedjarji ta' l-innovazzjoni volontarji jeżerċitaw attività ekonomika ([24]) (attività li tikkonsisti fil-provvista ta' merkanzija u/jew servizzi f'suq partikolari)?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni ta' dawn l-attivitajiet:

.....

B) Jekk l-istess entità teżerċita attivitajiet ta' natura kemm ekonomika u kif ukoll mhux ekonomika ([25]), jistgħu ż-żewġ tipi ta' attivitajiet u l-ispejjeż u l-iffinanzjar tagħhom jiġu separati b'mod ċar?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ipprovdi d-dettalji.

.....

Jekk iva, jekk jogħġbok innota li l-iffinanzjar pubbliku ta' attivitajiet mhux ekonomiċi ma jaqax taħt l-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE. Jekk le, il-finanzjament pubbliku ta' attivitajiet ekonomiċi normalment jinvolvi għajnuna mill-istat.

2.2 *Iffinanzjar pubbliku ta' attivitajiet ekonomiċi*

C) Jista' l-Istat Membru jipprova li:

— it-totalità ta' l-iffinanzjar mill-Istat huwa mgħoddi mill-organizzazzjonijiet tar-riċerka jew l-intermedjarji ta' l-innovazzjoni volontarji (li jeżerċitaw attivitajiet ekonomiċi) lid-destinatarji finali;

U

— li ma ngħata ebda vantaġġ lill-intermedjarji?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji u l-provi:

.....

.....

Jekk iva, jekk jogħġbok innota li l-organizzazzjonijiet intermedjarji ma jistgħux ikunu destinatarji ta' għajnuna mill-Istat. Fir-rigward ta' l-għajnuna lil destinatarji finali, japplikaw ir-regoli normali ta' l-għajnuna mill-Istat.

([20]) I.e.miżuri taħt it-Taqsimiet 4.3, 4.4, 4.6 u 4.7 ta' din il-karta ta' informazzjoni supplimentari. Jekk jogħġbok innota li l-miżura taħt it-Taqsima 4.4 hija limitata għall-intraprizi ż-żgħar.

([21]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 20.

([22]) Cf.il-Qafas R&D&I, Taqsima 2.1.

([23]) Cf.il-Qafas R&D&I, Taqsima 3.1.

([24]) Għad-dettalji ara t-Taqsima 3.1.1 tal-Qasam R&D&I (nota ta' qiegħ il-paġna 24).

([25]) Għad-dettalji ara t-Taqsima 3.1.1 (it-tieni u t-tielet paragrafi) tal-Qafas ta' l-R&d&I.

3. **Għajnuna mill-istat indiretta għal impriżi permezz ta'organizzazzjonijiet tar-riċerka ffinanzjati** ([26])

3.1 *Riċerka għan-nom ta' l-impriżi*

A) Il-proġetti megħjuna taħt l-iskema notifikata jitwettqu minn organizzazzjonijiet tar-riċerka għan-nom ta' l-impriżi?

☐ iva ☐ le

B) Jekk iva, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka (bħala aġenti) jirrendu servizzi lill-impriżi (bħala prinċipali) f'sitwazzjonijiet, fejn:

— l-aġenti jirċievu ħlas ta' rimunerazzjoni adegwata għas-servizzi tagħhom,

☐ iva ☐ le

U

— il-prinċipali jispeċifikaw it-termini u l-kundizzjonijiet ta' dawn is-servizzi?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji:

.....

.....

C) L-organizzazzjonijiet tar-riċerka jipprovdu s-servizzi tagħhom bi prezz tas-suq?

☐ iva ☐ le

Jekk m'hemmx prezz tas-suq, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jipprovdu s-servizzi tagħhom bi prezz li jirrifletti l-ispejjeż kollha u profitt raġonevoli?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji:

.....

.....

Jekk organizzazzjoni tar-riċerka tirrendi servizzi u jekk ir-risposta għal waħda mill-mistoqsijiet f'Taqsima C hija fl-affermattiv, normalment ma tkun ngħatat ebda għajnuna mill-Istat lill-impriżi permezz ta' l-organizzazzjoni tar-riċerka.

3.2 *Kollaborazzjoni ta' l-impriżi u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka*

A) Il-proġett ta' kollaborazzjoni isir konġuntament mill-impriżi u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ipprovdi d-dettalji dwar is-sħubijiet.

.....

.....

B) Jekk iva, l-impriżi li jipparteċipaw jerfgħu l-piż kollu ta' l-ispiża tal-proġetti megħjuna taħt l-iskema notifikata?

☐ iva ☐ le

Ir-riżultati li ma jwasslux għal drittijiet ta' proprjetà intellettwali huma mxerrda ħafna U kwalunkwe drittijiet ta' proprjetà intellettwali li jirriżultaw mill-attività ta' l-organizzazzjonijiet tar-riċerka huma allokati fl-intier tagħhom ([27]) lill-organizzazzjonijiet tar-riċerka?

☐ iva ☐ le

3. **Ħajnuna indiretta mill-istat lil impriżi permezz ta' organizzazzjonijiet tar-riċerka ffinanzjati pubblikament** ([101])

Jekk hemm diversi organizzazzjonijiet tar-riċerka jew intermedjarji ta' l-innovazzjoni involuti fil-proġett innotifikat, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni ta' hawn taħt għal kull wieħed minnhom.

3.1 *Riċerka f'isem impriżi*

A) Il-proġett appoġġjat qed jitwettaq minn organizzazzjoni tar-riċerka f'isem impriżi?

☐ iva ☐ le

B) Jekk iva, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka (li jaġixxu bħala aġenti) jagħtu servizzi lill-impriżi (li jaġixxu bħala l-entità prinċipali) f'sitwazzjonijiet, fejn:

— l-aġenti jirċievu ħlas ta' remunerazzjoni adegwata għas-servizzi tagħhom,

☐ iva ☐ le

U

— l-entitatijiet prinċipali jispeċifikaw it-termini u l-kundizzjonijiet ta' dawn is-servizzi?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok agħti d-dettalji:

.....

.....

C) L-organizzazzjonijiet tar-riċerka jipprovdu s-servizzi tagħhom bil-prezz tas-suq?

☐ iva ☐ le

Jekk m'hemmx prezz tas-suq, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jipprovdu s-servizzi tagħhom bi prezz li jirrifletti l-ispejjeż kollha flimkien ma' marġini raġonevoli?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok agħti d-dettalji:

.....

.....

Jekk organizzazzjoni tar-riċerka tipprovdi servizzi u jekk it-tweġiba għal waħda mill-mistoqsijiet fit-Taqsima C hija iva, normalment ma tkunx ingħatat għajnuna mill-Istat lill-impriżi permezz ta' l-organizzazzjoni tar-riċerka.

3.2 *Kollaborazzjoni ta' l-impriżi u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka*

A) Il-proġett ta' kollaborazzjoni jitwettaq b'mod konġunt bejn l-impriżi u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ipprovdi dettalji dwar is-sħubijiet:

.....

.....

([101]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 3.2.

B) Jekk iva, l-impriżi li jieħdu sehem iġorru l-ispejjeż kollha tal-proġetti appoġġjati taħt l-iskema nnotifikata?

☐ iva ☐ le

Ir-riżultati li ma jagħtux lok għal drittijiet ta' proprjetà intellettwali huma mxerrda b'mod wiesa' U d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jirriżultaw mill-attività ta' l-organizzazzjonijiet tar-riċerka huma allokati għal kollox ([102]) lill-organizzazzjonijiet tar-riċerka?

☐ iva ☐ le

L-organizzazzjonijiet tar-riċerka jirċievu mill-impriżi li jkunu qed jieħdu sehem kumpens ekwivalenti għall-prezz tas-suq għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ([103]) li jirriżultaw mill-attività ta' l-organizzazzjonijiet tar-riċerka mwettqa il-proġett u li huma trasferiti għall-impriżi li jkunu qed jieħdu sehem?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji (jekk jogħġbok innota li kull kontribuzzjoni ta' l-impriżi li jkunu qed jieħdu sehem għall-ispejjeż ta' l-organizzazzjonijiet tar-riċerka għandha titnaqqas mill-kumpens):

.....

.....

C) Jekk l-ebda waħda mit-tweġibiet għall-mistoqsijiet tat-Taqsima B hija iva, l-Istat Membru jista' jiddependi fuq l-evalwazzjoni individwali tal-proġetti ta' kollaborazzjoni ([104]).

Jekk jogħġbok agħti valutazzjoni individwali tal-proġetti ta' kollaborazzjoni, filwaqt li tikkunsidra l-elementi msemmija hawn fuq. Jekk jogħġbok ehmeż ukoll il-ftehimiet kuntrattwali man-notifika.

Jekk l-ebda waħda mit-tweġibiet għall-mistoqsijiet tat-Taqsima B ma tkun iva u jekk il-valutazzjoni individwali tal-proġetti ta' kollaborazzjoni ma twassalx għall-konklużjoni li m'hemmx għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni tikkunsidra l-valur sħiħ tal-kontribut ta' l-organizzazzjoni tar-riċerka għall-proġett bħala għajnuna għall-impriżi.

4. **Kompatibilità ta' l-għajnuna taħt artikolu 87(3)(b) tat-trattat tal-KE**

Għajnuna għall-R&D&I għall-promozzjoni tat-twettiq ta' proġett ([105]) *importanti ta' interess komuni Ewropew tista' titqies bħala kumpatibbli mas-suq komuni skond l-Artikolu 87(3)(b) tat-Trattat tal-KE.*

4.1 *Kundizzjonijiet ġenerali (kumulattivi)*

A) Jekk jogħġbok ikkonferma li:

☐ il-proġett jikkontribwixxi b'mod konkret, ċar u identifikabbli għall-interess tal-

U

☐ il-vantaġġ miksub mill-għan tal-proġett mhux limitat għal Stat Membru wieħed jew għall-Istati Membri li jimplimentawh, iżda jestendi għall-Komunità kollha ([107]);

U

☐ il-proġett jippreżenta qabża 'l quddiem sostantiva għall-għanijiet tal-Komunità

Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji u provi:

.....

.....

([102]) Għad-dettalji ara t-Taqsima 3.2.2 (nota ta' qiegħ il-paġna 28) tal-Qafas R&D&I.

([103]) Għad-dettalji ara t-Taqsima 3.2.2 (nota ta' qiegħ il-paġna 29) tal-Qafas R&D&I.

([104]) Jista' jkun li ma jkunx hemm għajnuna mill-Istat fejn valutazzjoni tal-ftehim kuntrattwali bejn il-partijiet imsieħba twassal għall-konklużjoni li kull dritt ta' proprjetà intellettwali għar-riżultati ta' l-R&D&I u kif ukoll drittijiet ta' aċċess għar-riżultati jkunu allokati lil imsieħba differenti fil-kollaborazzjoni u jkunu jirriflettu b'mod adegwat l-interessi, pakketti ta' xogħol, u kontribuzzjonijiet, finanzjarji u oħrajn, rispettivi tagħhom għall-proġett.

([105]) Il-Kummissjoni tista' tqis ukoll li grupp ta' proġetti jiffurmaw proġett wieħed flimkien.

([106]) Jekk jogħġbok innota li l-interess komuni Ewropew irid jintwera f'termini prattiċi, pereżempju jrid jintwera li l-proġett jagħmilha possibbli li jkun hemm progress sinifikanti lejn il-kisba ta' għanijiet speċifiċi tal-Komunità.

([107]) Il-fatt li l-proġett jitwettaq minn impriżi f'pajjiżi differenti mhux biżżejjed.

B) Speċifika l-effetti pożittivi ta' l-għajnuna:

☐ effetti indiretti importanti għas-soċjetà;

☐ kontribuzzjoni tal-miżura għat-titjib tas-sitwazzjoni tal-Komunità fir-rigward ta' l-R&D&I fil-kuntest internazzjonali;

☐ ħolqien ta' swieq ġodda;

☐ żvilupp ta' teknoloġiji ġodda;

☐ effetti pożittivi oħra. Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji dwar kull effett pożittiv relevanti ta' l-għajnuna:

.....

.....

C) Jekk jogħġbok ipprovdi t-termini ta' l-implimentazzjoni tal-proġett (inklużi l-parteċipanti, l-għanijiet) ([108]):

.....

.....

D) Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji u provi li juru li l-għajnuna hija neċessarja sabiex jinkiseb l-għan definit ta' interess komuni U tippreżenta inċentiva għat-twettiq tal-proġett ([109]):

.....

.....

E) Jekk jogħġbok agħti dettalji u provi li juru li l-proġett jinvolvi livell għoli ta' riskju:

.....

.....

F) Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji u provi li juru li l-proġett huwa ta' importanza kbira fir-rigward tal-karattru u l-volum tiegħu ([110]):

.....

.....

4.2 *Deskrizzjoni tal-proġett*

Jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-proġett. Għall-orjentament jekk jogħġbok ara t-Taqsima 5.1 ta' dan id-dokument ta' informazzjoni supplementari.

.....

.....

5. **Kompatibilità ta' l-għajnuna taħt l-artikolu 87(3) (c) tat-trattat tal-KE**

Jekk hemm diversi benefiċjarji involuti fil-proġett innotifikat, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni ta' hawn taħt għal kull wieħed minnhom.

5.1 *Għajnuna għall-proġetti ta' l-R&D* ([111])

5.1.1 *Kategorija tar-riċerka* ([112])

A) Jekk jogħġbok indika liema stadji ta' l-R&D ([113]) huma appoġġjati taħt il-miżura nnotifikata ta' għajnuna:

☐ riċerka fundamentali;

☐ riċerka industrijali;

☐ żvilupp sperimentali.

([108]) Jekk jogħġbok innota li l-proġetti jridu jkunu definiti b'mod ċar fir-rigward ta' dawn l-aspetti.

([109]) Għall-orjentament jekk jogħġbok ara l-kriterji inklużi fit-Taqsima 6 ta' dan id-dokument ta' informazzjoni supplementari.

([110]) Jiġifieri huwa relevanti fir-rigward ta' l-għanijiet u huwa ta' daqs sostenibbli.

([111]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 5.1.

([112]) Sabiex tikklassifika l-attivitajiet, tista' tirreferi għall-prattika tal-Kummissjoni jew għal eżempji u spjegazzjonijiet speċifiċi pprovduti fil-Manwal Frascati dwar il-Kejl ta' Attivitajiet Xjentifiċi u Teknoloġiċi, Prattika Normali Proposta għall-Istħarriġ dwar l-Iżvilupp tar-Riċerka u l-Iżvilupp Espermentali (Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp, 2002).

([113]) Għad-definizzjonijiet ara t-Taqsima 2.2(e), (f), (g) tal-Qafas ta' l-R&D&I.

B) Jekk il-proġetti ta' l-R&D jkopru kategoriji differenti ta' riċerka, jekk jogħġbok elenka u kkwalifika l-attivitajiet differenti taħt il-kategoriji ta' riċerka fundamentali, riċerka industrijali jew żvilupp esperimentali jew li ma jaqgħu taħt l-ebda waħda minn dawn il-kategoriji.

.....

.....

5.1.2 Spejjeż eliġibbli

L-ispejjeż eliġibbli kollha jridu jiġu allokati għal kategorija speċifika ta' R&D ([114]). *Jekk jogħġbok speċifika l-ispejjeż eliġibbli u indika l-ammont tagħhom.*

	Riċerka fundamentali	Riċerka industrijali	Żvilupp sperimentali
Spejjeż tal-persunal			
Spejjeż ta' l-istrumenti u l-apparat			
Spejjeż tal-bini u l-art			
Spejjeż tar-riċerka kuntrattwali, għarfien tekniku u brevetti mixtrija jew liċenzjati minn sorsi esterni bil-prezzijiet tas-suq			
Spejjeż addizzjonali illi ntefqu direttament bħala riżultat tal-proġett ta' riċerka			
Spejjeż operattivi oħra			

5.1.3 Intensitajiet ta' l-għajnuna u bonusijiet

L-intensità ta' l-għajnuna hija kkalkulata fuq il-bażi ta' l-ispejjeż eliġibbli tal-proġett. Trid tiġi stabbilita għal kull benefiċjarju ta' l-għajnuna, inkluż fi proġett ta' kollaborazzjoni ([115]).

A) Intensitajiet bażiċi (mingħajr bonusijiet) ([116]):

	Riċerka fundamentali	Riċerka industrijali	Żvilupp sperimentali
Intensità massima ta' l-għajnuna			

([114]) Cf. Taqsima 5.1.4 tal-Qafas ta' l-R&D&I: Dawn l-ispejjeż eliġibbli japplikaw għall-għajnuna għal proġetti ta' l-R&D (Taqsima 5.1) proġetti ta' riċerka u għall-innovazzjoni fil-proċess u fl-organizzazzjoni tas-servizzi (Taqsima 5.5).

([115]) Fil-każ ta' għajnuna mill-Istat għal proġett tar-riċerka u l-iżvilupp li jkun qed jitwettaq f'kollaborazzjoni bejn organizzazzjonijiet tar-riċerka u impriżi, l-għajnuna globali li tkun ġejja minn għajnuna diretta mill-gvern għal proġett speċifiku ta' riċerka u, fejn jikkostitwixxu għajnuna, kontribuzzjonijiet minn organizzazzjonijet ta' riċerka għal dak il-proġett m'għandhomx jaqbżu l-intensitajiet applikabbli ta' għajnuna għal kull impriża li tkun qed tibbenefika.

([116]) L-intensità ta' l-għajnuna ma tistax taqbeż il-100 % għar-riċerka fundamentali, 50 % għar-riċerka industrijali u 25 % għall-iżvilupp esperimentali.

B) Bonusijiet:

Il-bonusijiet huma applikati taħt miżura ta' notifika?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika hawn taħt.

— Huwa applikat bonus għall-SMEs?

☐ iva ☐ le

Speċifika l-livell ta' bonus applikabbli ([117]): .....

— Il-bonus huwa għal kollaborazzjoni effettiva bejn l-impriżi (i) jew kollaborazzjoni ta' impriża ma' organizzazzjoni tar-riċerka (ii) jew (biss għal proġetti ta' riċerka industrijali) tixrid tar-riżultati (iii) applikata taħt il-miżura nnotifikata ta' għajnuna?

☐ iva ☐ le

(i) Jekk bonus għal kollaborazzjoni effettiva bejn għallinqas żewġ impriżi, li huma indipendenti minn xulxin, huwa applikat, jekk jogħġbok ikkonferma li l-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:

☐ l-ebda impriża waħda ma ġġorr aktar minn 70 % ta' l-ispejjeż eliġibbli tal-proġett ta' kollaborazzjoni;

U

☐ il-proġett jinvolvi kollaborazzjoni ma' għall-anqas SME waħda jew il-kollaborazzjoni għandha natura transkonfinali, jiġifieri attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li jsiru f'mill-anqas żewġ Stati Membri.

Speċifika l-livell ta' bonus applikabbli ([118]): .....

(ii) Jekk bonus għal kollaborazzjoni effettiva bejn impriża u organizzazzjoni tar-riċerka, partikolarment fil-kuntest ta' koordinazzjoni ta' politika nazzjonali tar-riċerka u l-iżvilupp, hija applikata, jekk jogħġbok ikkonferma li l-kundizzjonijiet li ġejjin huma rispettati:

☐ l-organizzazzjoni tar-riċerka ġġorr mill-anqas 10 % ta' l-ispejjeż eliġibbli;

U

☐ l-organizzazzjoni tar-riċerka għandhom id-dritt li jippubblikaw ir-riżultat tal-proġetti ta' riċerka safejn jirriżultaw minn riċerka implimentata minn dik l-organizzazzjoni.

Speċifika l-livell ta' bonus applikabbli ([119]): .....

(iii) Jekk fil-każ ta' riċerka industrijali jiġi applikat bonus għat-tixrid wiesa' tar-riżultati tal-proġett, jekk jogħġbok speċifika għallinqas wieħed minn dawn il-metodi li ġejjin ta' tixrid wiesa':

☐ konferenzi tekniċi u xjentifiċi;

☐ pubblikazzjoni f'ġurnali xjentifiċi jew tekniċi;

☐ disponibilità f'repożitorji ta' aċċess miftuħ (*databases* fejn id-*data* mhux proċessata jkollu aċċess għaliha kulħadd);

☐ disponibilità permezz ta' *software* b'xejn jew *open source*.

Speċifika l-livell ta' bonus applikabbli ([120]): .....

C) Speċifika l-intensità totali ta' l-għajnuna tal-proġetti appoġġjati taħt il-miżura ta' għajnuna nnotifikata (meta jitqiesu l-bonusijiet) (%): .....

([117]) L-intensità ta' l-għajnuna tista' tiżdied b'10 punti perċentwali għal impriżi ta' daqs medju u b'20 punt perċentwali għal impriżi żgħar.

([118]) L-intensità ta' l-għajnuna tista' tiżdied bi 15-il punt perċentwali, iżda sa massimu ta' 80 %.

([119]) L-intensità ta' l-għajnuna tista' tiżdied bi 15-il punt perċentwali, iżda sa massimu ta' 80 %. Dan il-bonus ma japplikax għall-organizzazzjoni tar-riċerka.

([120]) L-intensità ta' l-għajnuna tista' tiżdied bi 15-il punt perċentwali, iżda sa massimu ta' 80 %.

5.1.4 Kundizzjonijiet speċjali għal avvanz li jitħallas lura ([121])

A) L-għajnuna għall-proġetti ta' riċerka u żvilupp hija mogħtija fil-forma ta' avvanz li jitħallas lura?

☐ iva ☐ le

B) L-għajnuna mogħtija fil-forma ta' avvanz li jitħallas lura taħt miżura nnotifikata hija espressa bħala ekwivalenti ta' l-għotja grossa ([122])?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, x'inhi l-intensità ta' l-għajnuna ta' avvanz li jitħallas lura meta espressa bħala ekwivalenti ta' l-għotja grossa ([123]): .....

.....

Minbarra dan, jekk jogħġbok speċifika fuq il-bażi ta' liema skema approvata ta' għajnuna ([124]) qed tingħata l-għajnuna u pprovdi dettalji dwar il-metodoloġija applikata sabiex tiġi determinata d-*data* sottostanti verifikabbli ta' l-ekwivalenti ta' l-għotja grossa.

.....

.....

C) Jekk l-għotja ma tistax tiġi espressa f'ekwivalenti ta' l-għotja grossa, x'inhu l-livell ta' l-avvanz li jitħallas lura espress bħala perċentwali ta' l-ispejjeż eliġibbli:

.....

Fil-każ ta' rati ta' avvanzi li jitħallsu lura mogħtija għall-proġett tar-riċerka u l-iżvilupp huma ogħla mir-rati indikati fit-Taqsimiet 5.1.2 u 5.1.3 (sar-rati massimi indikati fit-Taqsima 5.1.5) tal-Qafas ta' l-R&D&I, jekk jogħġbok:

— innotifika lill-Kummissjoni l-informazzjoni dettaljata dwar il-ħlas lura fil-każ ta' suċċess u ddefinixxi b'mod ċar dak li jkun meqjus bħala suċċess għall-attivitajiet ta' riċerka;

U

— ikkonferma dan li ġej:

☐ il-miżura tistipula li fil-każ ta' suċċess l-avvanz jitħallas lura b'rata ta' l-imgħax li tkun għallinqas ugwali għar-rata applikabbli mill-applikazzjoni ta' l-avviż tal-Kummissjoni dwar il-metodu biex jiġu stabbiliti r-rati ta' referenza u ta' skont ([125]);

☐ fil-każ ta' suċċess li jmur lilhinn mir-riżultat definit bħala suċċess, l-Istat Membru huwa intitolat li jitlob ħlasijiet li jmorru lilhinn minn ħlasijiet ta' l-ammont avvanzat inklużi l-imgħaxijiet skond ir-rata ta' referenza prevista mill-Kummissjoni;

☐ fil-każ ta' suċċess parzjali, l-Istat Membru jitlob li l-ħlas miġbur ikun proporzjonat mal-grad ta' suċċess miksub.

5.1.5 Klawsola ta' ekwivalenza ([126])

A) Il-klawsola ta' allinjament hija użata f'din il-miżura nnotifikata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, intensitajiet ogħla minn dawk ġeneralment permissibbli jistgħu jiġu awtorizzati.

Jekk iva, agħti dettalji u provi li l-kompetituri li jinsabu barra mill-Komunità rċevew fl-aħħar tliet snin, jew se jirċievu, għajnuna ta' intensità ekwivalenti għal proġetti, programmi, riċerka, żvilupp jew teknoloġija simili:

.....

.....

([121]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 5.1.5.

([122]) L-ekwivalenti ta' l-għotja grossa ta' avvanz li jitħallas lura jirrifletti l-probabilità li l-avvanz jitħallas lura mill-benefiċjarji.

([123]) L-ekwivalenti ta' l-għotja grossa għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet fuq l-intensitajiet massimi ta' l-għajnuna stabbiliti fit-Taqsima 5.1.2 u 5.1.3 tal-Qafas R&D&I.

([124]) Għad-dettalji ara t-Taqsima 5.1.5 tal-Qafas ta' l-R&D&I (it-tieni paragrafu).

([125]) ĠU C 273, 9.9.1997, p. 3. Ippubblikat ukoll taħt: http://ec.europa.eu/comm/competition/state_aid/legislation/reference.html.

([126]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 5.1.7.

Jeżisti tfixkil attwali jew potenzjali, dirett jew indirett, tal-kummerċ internazzjonali?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, agħti provi:

.....

.....

Agħti wkoll informazzjoni suffiċjenti sabiex tippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta s-sitwazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa li jittieħed f'kunsiderazzjoni l-vantaġġ kompetittiv li jkun igawdi kompetitur minn pajjiż terz:

.....

.....

5.2 *Għajnuna għal studji tekniċi ta' vijabilità* ([127])

5.2.1 Kundizzjonijiet ġenerali

L-istudji huma bi tħejjija għal ([128]):

☐ riċerka industrijali;

☐ żvilupp sperimentali.

5.2.2 Intensitajiet ta' l-għajnuna

Speċifika l-intensità massima ta' l-għajnuna ([129]) (%): .....

L-intensità ta' l-għajnuna hija kkalkulata fuq il-bażi ta' l-ispejjeż ta' l-istudji tal-fattibilità tal-proġett.

5.3 *Għajnuna għall-ispejjeż tal-proprjetà industrijali għall-SME* ([130])

5.3.1 Kundizzjonijiet

Liema stadju tar-riċerka ([131]) huwa kkonċernat?

☐ riċerka fundamentali;

☐ riċerka industrijali;

☐ żvilupp sperimentali.

5.3.2 Spejjeż eliġibbli u intensitajiet ta' l-għajnuna

A) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli ([132]) u indika l-ammont tagħhom:

☐ spejjeż li jiġu qabel l-għoti tad-dritt fl-ewwel ġuriżdizzjoni legali: .....

.....

☐ traduzzjoni u spejjeż oħra minfuqa sabiex jinkiseb l-għoti jew il-validazzjoni tad-dritt f'ġuriżdizzjonijiet oħrajn: .....

.....

☐ spejjeż minfuqa fid-difiża tal-validità tad-dritt waqt il-prosekuzzjoni uffiċjali ta' l-applikazzjoni u l-proċedimenti possibbli ta' oppożizzjoni: .....

.....

B) Speċifika l-intensità massima ta' l-għajnuna (%) ([133]): .....

([127]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 5.2.

([128]) Sabiex tikklassifika l-attivitajiet, tista' tirreferi għall-prattika tal-Kummissjoni jew għal eżempji u spjegazzjonijiet speċifiċi pprovduti fil-Manwal Frascati dwar il-Kejl ta' Attivitajiet Xjentifiċi u Teknoloġiċi, Prattika Normali proposta għall-Istħarriġ dwar l-Iżvilupp tar-Riċerka u l-Iżvilupp Espermentali (Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, 2002); għad-definizzjonijiet ara t-Taqsima 2.2(e), (f), (g) tal-Qafas R&D&I.

([129]) Għall-SME, l-intensità ta' l-għajnuna ma tistax taqbeż il-75 % għall-istudji ta' tħejjija għall-attivitajiet tar-riċerka industrijali u 50 % għall-istudji ta' tħejjija għall-attivitajiet esperimentali ta' l-iżvilupp; għall-kumpaniji l-kbar, l-intensità ta' l-għajnuna ma tistax taqbeż il-65 % għall-istudji ta' tħejjija għall-attivitajiet tar-riċerka industrijali u 40 % għall-istudji ta' tħejjija għall-attivitajiet esperimentali ta' l-iżvilupp.

([130]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 5.3.

([131]) Għad-definizzjonijiet ara t-Taqsima 2.2(e), (f), (g) tal-Qafas R&D&I.

([132]) Għad-dettalji ara t-Taqsima 5.3 (it-tieni paragrafu) tal-Qafas R&D&I.

([133]) Livelli massimi ta' għajnuna jikkorrispondu ma' l-istess livelli ta' għajnuna li kienu jikkwalifikaw bħala għajnuna għall-R&D fir-rigward ta' l-attivitajiet ta' riċerka li oriġinarjament wasslu għad-drittijiet ta' proprjetà industrijali kkonċernati.

5.4 *Għajnuna għall-impriżi ġodda u innovattivi* ([134]) **(għall-impriżi ż-żgħar)**

Jekk jogħġbok ikkonferma li:

A) ☐ il-benefiċjarju huwa impriża żgħira kif definita mil-leġiżlazzjoni tal-Komunità ([135]), u li ilha teżisti għal anqas minn 6 snin fiż-żmien meta tingħata l-għajnuna;

Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji u provi:

.....

.....

B) ☐ il-benefiċjarju huwa impriża innovattiva.

Jekk jogħġbok ikkonferma li l-konformità ma' din il-kundizzjoni hija assigurata permezz

☐ evalwazzjoni mwettqa minn espert estern li juri li l-benefiċjarju fil-futur prevedibbli jkun se jiżviluppa prodotti, servizzi jew proċessi li huma teknoloġikament ġodda jew sostanzjalment aħjar meta mqabbla ma' l-aħħar teknoloġija fl-industrija tiegħu fil-Komunità, u li jġorru magħhom riskju ta' falliment teknoloġiku jew industrijali;

JEW

☐ il-provi li l-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp tal-benefiċjarju jirrappreżentaw mill-anqas 15 % ta' l-ispejjeż operattivi kollha tiegħu f'għall-anqas waħda mit-tliet snin ta' qabel l-għoti ta' l-għajnuna jew fil-każ ta' kumpanija ġdida mingħajr storja finanzjarja, fil-verifika tal-perjodu fiskali kurrenti, kif iċċertifikat minn awditur estern.

Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji dwar kif dan huwa implimentat:

.....

.....

C) Speċifika l-ammont massimu ta' għajnuna applikabbli taħt il-miżura nnotifikata ([136]): .....

D) Jekk jogħġbok ikkonferma li:

☐ il-benefiċjarju ma rċeviex għajnuna għal impriżi ġodda u innovattivi qabel u se jirċievi dan it-tip ta' għajnuna darba biss matul il-perjodu li fih jikkwalifika bħala impriża ġdida u innovattiva.

E) L-impriża tibbenefika minn akkumulazzjoni ta' għajnuna?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok indika kif se tintlaħaq konformità mar-regoli speċifiċi ta' l-akkumulazzjoni għall-għajnuna għall-impriżi ġodda u innovattivi (Taqsima 5.4 tal-Qafas R&D&I):

.....

.....

5.5 *Għajnuna għall-innovazzjoni fil-proċessi u fl-organizzazzjoni fis-servizzi* ([137])

5.5.1 Kundizzjonijiet ġenerali

A) Għal liema tipi ta' innovazzjoni fl-attivitajiet ([138]) tas-servizzi tirreferi l-miżura nnotifikata?

☐ innovazzjoni tal-proċess fl-attivitajiet tas-servizzi;

☐ innovazzjoni fl-organizzazzjoni fl-attivitajiet tas-servizzi.

Jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni dettaljata ta' l-innovazzjoni fl-attivitajiet tas-servizzi ([139]) (fil-proċess u/jew fl-organizzazzjoni):

.....

.....

([134]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 5.4.

([135]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 20.

([136]) L-għajnuna ma tistax taqbeż l-EUR 1 miljun f'oqsma mhux megħjuna; EUR 1.5 miljun f'reġjuni eliġibbli għal deroga fl-Artikolu 87 (3) (a) tat-Trattat tal-KE; EUR 1,25 miljun f'reġjuni eliġibbli għal deroga fl-Artikolu 87 (3) (c) tat-Trattat tal-KE.

([137]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 5.5.

([138]) Għad-definizzjonijiet ara t-Taqsima 2.2(i), (j) tal-Qafas R&D&I.

([139]) Sabiex jiġu kklassifikati l-attivitajiet, tista' tirreferi għall-prattika tal-Kummissjoni jew għad-definizzjonijiet speċifiċi pprovduti fil-Manwal ta' OSLO, Linji Gwida għall-Ġbir u l-Interpretazzjoni tad-Data dwar l-Innovazzjoni (Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp, 2005).

B) Jekk jogħġbok ikkonferma li:

☐ l-innovazzjoni fl-organizzazzjoni hija relatata ma' l-użu u l-isfruttament ta' Teknoloġiji ta' l-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) sabiex tinbidel l-organizzazzjoni;

☐ l-innovazzjoni hija fformulata bħala proġett bi *project manager* identifikat u kwalifikat, filwaqt li l-ispejjeż tal-proġett huma identifikati;

☐ ir-riżultat tal-proġett megħjun huwa l-iżvilupp ta' standard, u ta' mudell tan-negozju, metodoloġija ta' kunċett, li tista' tiġi riprodotta sistematikament, possibilment iċċertifikata, u possibilment tingħata privattiva;

☐ l-innovazzjoni fil-proċess jew fl-organizzazzjoni hija ġdida jew imtejba sostanzjalment meta mqabbla ma' l-aħħar teknoloġija fl-industrija tagħha fil-Komunità;

☐ il-proġett għall-innovazzjoni fil-proċess jew l-organizzazzjoni jinvolvi grad ċar ta' riskju;

☐ l-għajnuna hija mogħtija lil impriża kbira biss jekk tikkollabora ma' SME fl-attività li tingħata l-għajnuna u l-SME li tkun qed tikkollabora magħha ġġorr mill-anqas 30 % ta' l-ispejjeż totali eliġibbli.

Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji/provi għal dawn l-elementi kollha:

.....

.....

5.5.2 Spejjeż eliġibbli u intensitajiet ta' l-għajnuna

A) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli ([140]) u indika l-ammont tagħhom:

	Spejjeż Eliġibbli
spejjeż ta' l-istaff	
spejjeż ta' l-istrumenti u l-apparat	
spejjeż tal-bini u l-art	
spejjeż tar-riċerka kuntrattwali, għarfien tekniku u brevetti mixtrija jew liċenzjati minn sorsi esterni bil-prezzijiet tas-suq	
spejjeż addizzjonali li ntefqu direttament bħala riżultat tal-proġett ta' riċerka	
spejjeż operattivi oħra	

B) Speċifika l-intensità massima ta' l-għajnuna ([141]) (%): .....

L-intensità ta' l-għajnuna hija kkalkulata fuq il-bażi ta' l-ispejjeż eliġibbli tal-proġett.

5.6 *Għajnuna għas-servizzi tal-konsulenza għall-innovazzjoni u għas-servizzi ta' l-appoġġ għall-innovazzjoni* ([142]) *(għall-SME)*

5.6.1 Kundizzjonijiet ġenerali

A) Speċifika l-ammont massimu ta' għajnuna (li ma taqbiżx EUR 200 000 għal kull benefiċjarju f'kull perjodu ta' tliet snin): .....

B) Jekk jogħġbok ikkonferma li:

☐ jekk il-fornitur tas-servizz ma jibbenefikax minn ċertifikazzjoni nazzjonali jew Ewropea l-għajnuna ma tkoprix aktar minn 75 % ta' l-ispejjeż eliġibbli;

☐ il-benefiċjarji jużaw l-għajnuna mill-Istat sabiex jixtru s-servizzi bil-prezz tas-suq (jew jekk il-fornitur tas-servizz huwa entità non-profit, bi prezz li jirrifletti l-ispejjeż kollha tiegħu flimkien ma' marġini raġonevoli).

Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji dwar kif dan huwa assigurat:

.....

.....

([140]) Għad-dettalji ara t-Taqsima 5.1.4 tal-Qafas R&D&I. Jekk jogħġbok innota li fil-każ ta' l-innovazzjoni fl-organizzazzjoni, l-ispejjeż ta' l-istrumenti u l-apparat ikopru biss l-ispejjeż ta' l-istrumenti u l-apparat ta' l-ICT.

([141]) L-intensità massima ta' l-għajnuna hija ta' 15 % ta' l-ispejjeż eliġibbli għal impriża kbira; 25 % ta' l-ispejjeż eliġibbli għal impriża ta' daqs medju; 35 % ta' l-ispejjeż eliġibbli għal impriża żgħira.

([142]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 5.6.

5.6.2 Spejjeż eliġibbli

A) Liema tip ta' għajnuna hija mogħtija?

☐ għajnuna għal servizzi ta' konsulenza għall-innovazzjoni;

☐ għajnuna għal servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni.

B) Jekk l-għajnuna hija għal servizzi ta' konsulenza għall-innovazzjoni, speċifika l-ispejjeż eliġibbli u indika l-ammont tagħhom:

☐ konsulenza fil-maniġment: .....

☐ għajnuna teknika: .....

☐ servizzi ta' trasferiment ta' teknoloġija: .....

☐ taħriġ: .....

☐ konsulenza għal akkwist, ħarsien u kummerċ fi Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali u għal ftehim ta' liċenzjar: .....

☐ konsulenza dwar l-użu ta' standards: .....

C) Jekk hija għajnuna għal servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni, speċifika l-ispejjeż eliġibbli u indika l-ammont tagħhom:

☐ spazju ta' l-uffiċini: .....

☐ banek ta' *data*: .....

☐ servizzi ta' libreriji tekniċi: .....

☐ riċerka tas-suq: .....

☐ użu ta' laboratorju: .....

☐ tikkettar tal-kwalità: .....

☐ ittestjar u ċertifikazzjoni: .....

5.6.3 Kundizzjonijiet speċjali għal entità mhux għal skop ta' lukru

Jekk il-fornitur tas-servizz huwa entità mhux għal skop ta' lukru, l-għajnuna tista' tingħata bħala tnaqqis fil-prezz, bħala d-differenza bejn il-prezz imħallas u l-prezz tas-suq (jew prezz li jirrifletti l-ispejjeż kollha flimkien ma' marġini raġonevoli).

L-għajnuna hija mogħtija bħala tnaqqis fil-prezz?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, agħti provi ta' l-eżistenza ta' sistema li tiżgura t-trasparenza dwar l-ispejjeż kollha tas-servizzi tal-konsulenza għall-innovazzjoni u ta' l-appoġġ għall-innovazzjoni pprovduti, u kif ukoll il-prezz imħallas mill-benefiċjarji, sabiex l-għajnuna rċevuta tista' tiġi mkejla u sorveljata.

.....

.....

5.7 *Għajnuna għas-self ta' persunal bi kwalifiki għolja* ([143]) *(għall-SME)*

5.7.1 Kundizzjonijiet ġenerali

A) Minn fejn jinġieb il-persunal kwalifikat ħafna ([144])?

☐ organizzazzjonijiet tar-riċerka;

☐ impriżi kbar.

Agħti dettalji (jekk ikun possibbli) dwar organizzazzjonijiet tar-riċerka u dwar impriżi kbar.

.....

.....

([143]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 5.7.

([144]) Għad-definizzjoni ara t-Taqsima 2.2. (k) tal-Qafas R&D&I.

B) Jekk jogħġbok ikkonferma li:

☐ il-persunal issekondat mhux qed jieħu post persunal ieħor;

☐ il-persunal issekondat huwa impjegat f'funzjoni maħluqa ġdida fi ħdan l-impriża li tkun qed tibbenefika;

Jekk jogħġbok speċifika x'inhi din il-funzjoni maħluqa ġdida:

.....

.....

☐ il-persunal issekondat ilu impjegat għal mill-anqas sentejn ma' l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jew impriżi kbar li qed jibgħatu l-persunal fuq *secondment*;

☐ li l-persunal issekondat jaħdem f'attivitajiet ta' l-R&D&I fl-SME li qed tirċievi l-għajnuna.

5.7.2 Spejjeż eliġibbli u intensitajiet ta' l-għajnuna

A) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli u indika l-ammont tagħhom:

☐ spejjeż għat-teħid b'self u l-impjieg ta' persunal kwalifikat ħafna: .....

☐ *allowance* għall-mobilità għall-persunal issekondat: .....

B) ☐ Jekk jogħġbok ikkonferma l-ispejjeż tal-konsulenza (ħlas għas-servizz mogħti mill-espert mingħajr ma jiġi impjegat espert ma' l-impriża) huma esklużi mill-ispejjeż eliġibbli taħ l-għajnuna għal self ta' persunal kwalifikat ħafna.

C) Speċifika l-intensità massima ta' l-għajnuna ([145]) (%): …

5.8 *Għajnuna għar-ragruppamenti ta' innovazzjoni* ([146])

5.8.1 Kundizzjonijiet ġenerali

A) Liema tip ta' għajnuna hija mogħtija lill-benefiċjarju?

☐ għajnuna għall-investiment;

☐ għajnuna operattiva għall-animazzjoni tar-ragruppamenti.

B) Jekk jogħġbok ikkonferma li:

☐ l-għajnuna hija mogħtija esklussivament lill-entità legali li tkun qed topera r-ragruppament ta' l-innovazzjoni;

☐ il-benefiċjarju huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-parteċipazzjoni u l-aċċess għall-bini, il-faċilitajiet u l-attivitajiet tar-ragruppament;

Jekk jogħġbok agħti d-dettalji:

.....

.....

☐ l-aċċess għall-bini, il-faċilitajiet u l-attivitajiet tar-ragruppamenti mhux ristrett.

C) Il-ħlas li jinżamm għall-użu tal-faċilitajiet tar-ragruppamenti u għall-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tagħhom jirrifletti kemm dan ikun fil-fatt jiswa.

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok uri kif din hija assigurata:

.....

.....

Jekk le, jekk jogħġbok agħti dettalji (partikolarment fir-rigward ta' l-eżistenza ta' l-għajnuna skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87 (1) tat-Trattat tal-KE, ara t-Taqsima 3.1 tal-Qafas R&D&I):

.....

.....

D) Jekk jogħġbok ehmeż analiżi ta' l-ispeċjalizzazzjoni teknoloġika tar-ragruppament ta' l-innovazzjoni, il-potenzjal reġjonali eżistenti, il-kapaċità tar-riċerka eżistenti, il-preżenza ta' ragruppamenti fil-Komunità b'għanijiet u volumi potenzjali tas-suq simili ta' l-attivitajiet tar-ragruppament:

.....

.....

([145]) L-intensità massima ta' l-għajnuna hija ta' 50 % għall-ispejjeż eliġibbli, għal massimu ta' 3 snin għal kull impriża u kull persuna missellfa.

([146]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 5.8.

5.8.2 Kundizzjonijiet speċifiċi dwar l-għajnuna għall-investiment għall-animazzjoni tar-ragruppamenti

A) X'tip ta' investiment qed isir?

☐ twaqqif ta' ragruppamenti ta' innovazzjoni;

☐ tkabbir ta' ragruppamenti ta' innovazzjoni;

☐ animazzjoni ta' ragruppamenti ta' innovazzjoni.

B) Għal liema faċilitajiet hija mogħtija l-għajnuna?

☐ faċilitajiet għat-taħriġ u ċentru għar-riċerka;

☐ infrastrutturi tar-riċerka b'aċċess miftuħ, laboratorju, faċilità ta' l-ittestjar;

☐ Infrastrutturi tan-netwerk tal-broadband.

C) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli u indika l-ammont tagħhom:

☐ spejjeż relatati ma' l-investiment fl-art: .....

☐ bini: .....

☐ makkinarju: .....

☐ tagħmir: .....

D) X'inhi l-intensità massima ta' l-għajnuna (%) ([147]): .....

E) Jingħata xi bonus lill-benefiċjarju?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika hawn taħt:

— Tapplika bonus ta' l-SME?

☐ iva ☐ le

Speċifika l-livell tal-bonus ([148]): .....

— Tapplika bonus għall-impriżi li jinsabu fir-reġjuni l-aktar imbiegħda?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika l-livell tal-bonus applikabbli għal impriża li tinsab fir-reġjuni l-aktar imbiegħda ([149]): .....

5.8.3 Kundizzjonijiet speċifiċi dwar l-għajnuna operattiva għall-animazzjoni tar-ragruppamenti

A) Għal liema tul taż-żmien hija mogħtija l-għajnuna: ..... sena

Jekk l-għajnuna hija mogħtija għal perjodu ta' aktar minn 5 snin, jekk jogħġbok ipprovdi provi konvinċenti sabiex tiġġustifika dan il-perjodu itwal ([150]).

.....

.....

B) L-għajnuna tonqos gradwalment?

☐ iva ☐ le

C) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli u indika l-ammont tagħhom:

☐ il-preżentazzjoni tar-ragruppament fuq is-suq sabiex jiġu reklutati kumpaniji ġodda sabiex jieħdu sehem fir-ragruppament: .....

☐ ġestjoni tal-faċilitajiet ta' l-aċċess miftuħ tar-ragruppament: .....

☐ Organizzazzjoni ta' programmi ta' taħriġ, *workshops* u konferenzi sabiex jappoġġjaw il-qsim ta' l-għarfien u n-*networking* bejn il-membri tar-ragruppament: .....

([147]) L-intensità massima ta' l-għajnuna hija ta' 15 % ta' l-ispejjeż eliġibbli; għal reġjuni li jaqgħu taħt l-Artikolu 87 (3) (A) tat-Trattat tal-KE l-intensità massima ta' l-għajnuna hija din li ġejja: 30 % ta' l-ispejjeż eliġibbli għar-reġjuni b'anqas minn 75 % tal-PGD per capita medju ta' l-UE-25, reġjuni mbiegħda b'PGD per capita ogħla u reġjuni ta' l-effett statistiku (sa l-1 ta' Jannar 2011); 40 % għal reġjuni b'anqas minn 60 % tal-PGD per capita ta' l-UE-25 (%); 50 % għal reġjuni b'anqas minn 45 % tal-PGD per capita ta' l-UE-25; Għal reġjuni ta' l-effett statistiku li jaqgħu taħt l-Artikolu 87 (3) (c) tat-Trattat tal-KE mill-1 ta' Jannar 2011 l-intensità massima ta' l-għajnuna hija ta' 20 % għall-ispejjeż eliġibbli.

([148]) L-intensità ta' l-għajnuna tista' tiżdied b'massimu ta' 20 punt perċentwali għal impriżi żgħar u b'massimu ta' 10 punti perċentwali għal impriżi ta' daqs medju.

([149]) L-intenstità ta' l-għajnuna tista' tiġi miżjuda b'massimu ta' 20 punt perċentwali. L-intensità ta' l-għajnuna tista' tiġi miżjuda b'massimu ta' 20 punt perċentwali għar-reġjuni l-aktar imbiegħda fejn il-PGD *per capita* jaqa' taġt il-75 % tal-medja ta' l-UE-25 u b'massimu ta' 10 punti perċentwali għar-reġjuni l-aktar imbiegħda l-oħrajn.

([150]) Fi kwalunkwe każ, il-perjodu ma jista' qatt jaqbeż l-10 snin.

D) L-intensità ta' l-għajnuna:

— għajnuna li tonqos gradwalment (jekk jogħġbok speċifika rati ta' tnaqqis għal kull sena) ([151]):

— għajnuna li ma tonqosx gradwalment (%) ([152]): .....

6. **Effett ta' inċentiva u neċessità ta' l-għajnuna** ([153])

6.1 *Kundizzjoni ġenerali*

A) L-attività ta' l-R&D&I kienet diġà bdiet qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna mill-benefiċjarju għand l-awtoritajiet nazzjonali ([154])?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna ma tippreżentax inċentiva għall-benefiċjarju.

B) Jekk le, speċifika d-dati relevanti:

— l-attività ta' l-R&D&I bdiet fil-: .....

— l-applikazzjoni għall-għajnuna mill-benefiċjarju ġiet sottomessa lill-awtoritajiet nazzjonali fil-:

Jekk jogħġbok ipprovdi dokumenti ta' ta' prova relevanti.

6.2 *Evalwazzjoni ta' l-effett ta' inċentiva*

Jekk l-għajnuna tingħata għal:

— proċess ta' innovazzjoni organizzativa fis-servizzi;

— ragruppamenti ta' innovazzjoni;

— proġetti tar-riċerka u l-iżvilupp għal impriżi kbar;

— studji ta' fattibilità għal impriżi kbar;

— proġett tar-riċerka u l-iżvilupp għall-SME għal għajnuna li taqbeż l-EUR 7.5 miljuni;

— studji tal-fattibilità għall-SME għal għajnuna li taqbeż l-EUR 7.5 miljuni;

il-Kummissjoni se titlob li l-effett ta' inċentiva jintwera permezz ta' mezzi ta' evalwazzjoni. Għaddi għall-mistoqsijiet li jmiss.

Altrimenti, il-Kummissjoni tqis li l-effett ta' inċentiva huwa awtomatikament issodisfat għall-miżura kkonċernata.

6.2.1 Kundizzjonijiet ġenerali

Jekk ikun neċessarju li jintwera li jkun hemm effett ta' inċentiva għal diversi benefiċjarji li jipparteċipaw fil-proġett nnotifikat, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni ta' hawn taħt għal kull wieħed minnhom.

Sabiex jiġi vverifikat li l-għajnuna ppjanata tinċentiva lil dawk li jirċevuha sabiex tibdel l-aġir tagħha sabiex iżżid il-livell ta' R&D&I tagħha, il-Kummissjoni titlob evalwazzjoni għall-kategoriji ta' riċerka li fihom tikkunsidra li l-effett ta' inċentiva mhux *awtomatikament sodisfatt (elenkat fit-Taqsima 4.2 ta' din il-formola ta' notifika).*

Jekk jogħġbok imla l-evalwazzjoni ta' l-attività akbar ta' l-R&D&I (hawn taħt), fuq il-bażi ta' analiżi li jqabblu s-sitwazzjoni mingħajr għajnuna ma' sitwazzjoni fejn tingħata l-għajnuna.

6.2.2 Kriterji

A) Se jitkabbar id-daqs tal-proġett?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika t-tip ta' żieda

☐ żieda fl-ispejjeż totali tal-proġett (mingħajr infiq anqas mill-benefiċjarju meta mqabbel mas-sitwazzjoni mingħajr għajnuna);

☐ żieda fin-numru ta' nies assenjati għall-attivitajiet ta' l-R&D&I;

☐ tipi oħra ta' żieda: .....

Agħti provi ta' żidiet relevanti:

.....

.....

([151]) L-intensità tagħha tista' tasal sa 100 % għall-ispejjeż eliġibbli għall-ewwel sena iżda trid tkun naqset b'mod lineari sa żero sa l-aħħar tal-ħames sena.

([152]) L-intensità massima ta' l-għajnuna hija ta' 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli.

([153]) Cf. Qafas R&D&I, Kapitolu 6.

([154]) Jekk il-proposta ta' għajnuna hija li tingħata għajnuna għal proġett ta' l-R&D&I, dan ma jeskludix li l-benefiċjarju potenzjali diġà jkun wettaq studji tal-fattibilità li ma jkunux koperti mit-talba għall-għajnuna mill-Istat.

B) Se titkabbar il-firxa tal-proġett?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika t-tip ta' żieda:

☐ żieda fin-numru tar-riżultati mistennija mill-proġett;

☐ proġett aktar ambizzjuż muri minn possibilità akbar ta' suċċess xjentifiku jew teknoloġiku jew riskju ogħla ta' falliment;

☐ tipi oħra ta' żieda: .....

Agħti provi ta' żidiet relevanti:

.....

.....

C) Il-proġett se jsir aktar malajr?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ipprovdi provi li l-proġett se jitlesta fi żmien aqsar bl-għajnuna milli mingħajrha:

.....

.....

D) L-ammont totali minfuq fuq l-R&D&I se jiżdied?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika t-tip ta' żieda:

☐ żieda fin-nefqa totali ta' l-R&D&I mill-benefiċjarju ta' l-għajnuna;

☐ bidliet fil-baġit kommess għall-proġett (mingħajr tnaqqis li jikkorrispondi miegħu fil-baġits ta' proġetti oħra);

☐ żieda fin-nefqa ta' l-R&D&I mill-benefiċjarju ta' l-għajnuna bħala proporzjon tat-*turnover* totali;

☐ tipi oħra ta' żieda:

.....

.....

Agħti provi taż-żidiet relevanti:

.....

.....

E) L-Istat Membru jista' wkoll juri l-preżenza ta' effett ta' inċentiva permezz ta' kriterji kwantitattivi relevanti u/jew kwalitattivi. Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji u provi:

.....

.....

.....

.....

7. **Riterji li jwasslu għal valutazzjoni dettaljata** ([155])

Jekk l-għajnuna tirrigwarda proġett ta' l-R&D&I jew studju ta' fattibilità, jekk jogħġbok imla t-Taqsima 7.1 aktar 'l isfel. Jekk l-għajnuna tingħata għall-innovazzjoni tal-proċess jew dik organizzattiva fl-attivitajiet ta' servizzi jew għal ragruppamenti ta' innovazzjoni, jekk jogħġbok mur fit-Taqsima 7.2 tad-dokument ta' informazzjoni supplementari. Minbarra dan, mhi meħtieġa l-ebda valutazzjoni dettaljata.

7.1 *Proġetti u studji ta' fattibilità*

A) Spejjeż eliġibbli li jikkorrispondu mar-riċerka fundamentali jirrappreżentaw … % ta' l-ispejjeż totali eliġibbli (**proporzjon I**.).

Jekk il-**proporzjon I**.ikun akbar minn 50 %, waħda mill-impriżi tirċievi ammont ta' għajnuna li jaqbeż l-EUR 20 miljun ([156]) għal kull proġett/studju ta' fattibilità?

☐ iva ☐ le

([155]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 7.1.

([156]) Jekk applikabbli, jekk jogħġbok ipprovdi r-rata tal-kambju li għandha tiġi użata meta tingħata t-tweġiba għal din il-mistoqsija.

B) Spejjeż eliġibbli li jikkorrispondu mar-riċerka industrijali u l-istudji tal-fattibilità ta' tħejjija għar-riċerka industrijali jirrappreżentaw … % ta' l-ispejjeż totali eliġibbli (**proporzjon II**.).

Jekk il-**proporzjon I.+ II**.ikun akbar minn 50 %, waħda mill-impriżi tirċievi ammont ta' għajnuna li jaqbeż l-EUR 10 miljun għal kull proġett/studju ta' fattibilità?

☐ iva ☐ le

C) Jekk il-**proporzjon I.+ II**.ikun anqas minn 50 %, waħda mill-impriżi tirċievi ammont ta' għajnuna li jaqbeż l-EUR 7.5 miljun għal kull proġett/studju ta' fattibilità?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba għal waħda minn dawn it-tliet mistoqsijiet hija iva, allura l-għajnuna nnotifikata hija suġġetta għal valutazzjoni dettaljata u informazzjoni addizzjonali għandha tingħata sabiex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq valutazzjoni dettaljata (Taqsima 8 ta' dan id-dokument ta' informazzjoni supplementari).

7.2 *Innovazzjoni fil-proċess jew fl-organizzazzjoni f'attivitajiet ta' servizzi jew ragruppamenti ta' innovazzjoni*

Jekk l-għajnuna hija mogħtija għal innovazzjoni fil-proċess jew fl-organizzazzjoni f'attivitajiet ta' servizzi, hemm xi impriża waħda li tirċievi ammont ta' għajnuna li jaqbeż l-EUR 5 miljuni għal kull proġett?

☐ iva ☐ le

Jekk l-għajnuna tingħata għal ragruppamenti ta' innovazzoni, ir-ragruppament (entità legali li tkun qed topera fir-ragruppament ta' innovazzjoni) tirċievi ammont ta' għajnuna li jaqbeż l-EUR 5 miljun.

☐ iva ☐ le

Jekk iva, allura l-għajnuna nnotifikata hija suġġetta għal valutazzjoni dettaljata u informazzjoni addizzjonali għandha tingħata sabiex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq valutazzjoni dettaljata (Taqsima 8 ta' dan id-dokument ta' informazzjoni supplementari).

Jekk jogħġbok innota li l-Kummissjoni se twettaq valutazzjoni dettaljata wkoll fil-każijiet kollha nnotifikati lill-Kummissjoni minħabba l-obbligu li jiġu nnotifikati individwalment kif stipulat fir-regolament ta' l-eżenzjoni

8. **Nformazzjoni addizzjonali għal valutazzjoni dettaljata** ([157])

Jekk hemm diversi benefiċjarji involuti fil-proġett nnotifikat li hu suġġett għal valutazzjoni dettaljata, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni ta' hawn taħt għal kull wieħed minnhom. Dan huwa bla ħsara għad-deskrizzjoni sħiħa tal-proġett nnotifikat, inklużi l-parteċipanti kollha, fit-taqsimiet preċedenti ta' dan id-dokument ta' informazzjoni supplementari.

8.1 *Osservazzjonijiet ġenerali*

L-iskop ta' din il-valutazzjoni dettaljata hija sabiex jiġi żgurat li ammonti kbar ta' għajnuna għall- R&D&I ma jxekklux il-kompetizzjoni tant li jmorru kontra l-interess komuni, iżda fil-fatt jikkontribwixxu għall-interess komuni. Dan iseħħ meta l-benefiċċji ta' l-għajnuna mill-Istat f'termini ta' R&D&I adizzjonali jkunu akbar mill-ħsara għall-kompetizzjoni u l-kummerċ.

Id-dispożizzjonijiet ta' hawn taħt jirrappreżentaw gwida għal liema tipi ta' informazzjoni l-Kummissjoni tista' titlob sabiex twettaq stima dettaljata. Il-gwida hija maħsuba sabiex id-deċiżjonijiet u r-raġunament tal-Kummissjoni jkunu trasparenti u prevedibbli sabiex tinħoloq prevedibilità u ċertezza legali.

A) L-Istati Membri b'mod partikolari huma mistiedna sabiex joqogħdu fuq is-sorsi ta' informazzjoni mniżżla aktar 'l isfel. Jekk jogħġbok indika jekk dawn id-dokumenti ta' prova huma mehmuża man-notifika.

☐ valutazzjonijiet ta' skemi jew miżuri preċedenti ta' għajnuna mill-Istat;

☐ stimi ta' l-impatt magħmula mill-awtorità li tagħmel l-għotja;

☐ valutazzjonijiet tar-riskju;

☐ rapporti finanzjarji;

☐ pjanijiet interni tan-negozju;

☐ opinjonijiet ta' esperti;

☐ Studji oħra relatati ma' l-R&D&I.

([157]) Cf. Qafas R&D&I, Kapitolu 7.

B) Bl-istess mod, jekk jogħġbok indika l-effetti pożittivi relevanti tal-miżura nnotifikata u pprovdi d-dokumenti ta' prova:

☐ — żieda netta fl-R&D&I magħmula mill-impriża;

☐ — kontribuzzjoni tal-miżura għat-titjib globali fis-settur ikkonċernat fir-rigward tal-livell ta' R&D&I;

☐ — kontribuzzjoni tal-miżura għat-titjib tas-sitwazzjoni tal-Komunità fir-rigward ta' l-R&D&I fil-kuntest internazzjonali;

☐ — oħrajn: .....

Għal kull waħda *mit-taqsimiet ta' hawn taħt jekk jogħġbok ipprovdi d-dokumenti li huma relevanti għall-miżura nnotifikata. L-Istati Membri huma mistiedna sabiex jipprovdu kull element ieħor li jikkunsidraw utli għall-valutazzjoni tal-miżura nnotifikata.*

8.2 *Eżistenza ta' falliment tas-suq* ([158])

A) Jekk jogħġbok identifika l-falliment(i) tas-suq li qed ixekklu l-R&D&I fil-każ preżenti u li jiġġustifika(w) il-ħtieġa għall-għajnuna mill-Istat u pprovdi d-dokumenti ta' prova:

☐ tixrid ta' l-għarfien (esternalitajiet pożittivi/ġid pubbliku);

☐ tagħrif imperfett jew asimettriku;

☐ fallimenti ta' koordinament.

B) Jekk l-għajnuna mill-Istat tkun immirata għal proġetti jew attivitajiet ta' l-R&D&I li jkunu jinsabu fiż-żoni assistiti, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar:

☐ l-iżvantaġġi kkawżati mill-periferalità u l-ispeċifiċitajiet reġjonali l-oħra;

☐ Data ekonomika lokali speċifika, raġunijiet soċjali u/jew storiċi għal livell baxx ta' attività ta' l-R&D&I meta mqabbla mad-*data* medja relevanti u/jew is-sitwazzjoni fuq il-livell nazzjonali u/jew tal-Komunità kif xieraq;

☐ indikatur relevanti ieħor li juri grad akbar ta' falliment tas-suq.

8.3 *Strument xieraq* ([159])

Jekk jogħġbok indika fuq liema bażi l-Istat Membru ddeċieda li juża strument selettiv bħall-għajnuna mill-Istat sabiex ikabbar l-attivitajiet ta' l-R&D&I u pprovdi dokumenti ta' prova:

☐ stima ta' l-impatt tal-miżura proposta;

☐ tqabbil ma' għażliet oħra tal-politika meqjusa mill-Istat Membru;

☐ oħrajn: .....

8.4 *Effett ta' inċentiva u analiżi ta' l-għajnuna* ([160])

A) Jekk jogħġbok speċifika l-bidla intenzjonata fl-aġir tal-benefiċjarju kkawżata mill-għajnuna (pereżempju jingħata bidu għal proġett ġdid jew jitkabbru d-daqs, il-firxa jew l-għaġġla ta' proġett) u pprovdi dokumenti ta' prova.

.....

.....

— Minbarra dan, jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni permezz ta' analiżi kontrafattwali ta' l-aġir tal-benefiċjarju fir-rigward tal-proġett jekk ma jkunx irċieva l-għajnuna.

.....

.....

— Jekk jogħġbok iddeskrivi għaliex l-għajnuna hija meħtieġa sabiex il-proġett taħt valutazzjoni jsir aktar attraenti mill-proġett deskritt permezz ta' l-analiżi kontrafattwali, jiġifieri l-proġett li kieku jitwettaq mingħajr l-għajnuna.

.....

.....

([158]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 7.3.1.
([159]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 7.3.2.
([160]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 7.3.3.

B) L-elementi li ġejjin jistgħu jintużaw sabiex jintwera l-effett ta' inċentiva. Jekk jogħġbok speċifika dawk relevanti għall-miżura nnotifikata u pprovdi d-dokumenti ta' prova.

☐ il-livell ta' profitabilità;

☐ l-ammont ta' investiment u ż-żmien ta' meta jsiru l-flussi tal-flus;

☐ il-livell tar-riskju involut fil-proġett ta' riċerka ([161]);

☐ valutazzjoni kontinwa.

8.5 *Proporzjonalità ta' l-għajnuna* ([162])

A) Jekk kien hemm aktar minn kandidat (potenzjali) wieħed sabiex jieħu l-proġett ta' l-R&D&I fl-Istat Membru, il-benefiċjarju ntagħżel fi proċess ta' għażla miftuħ?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji u dokumenti ta' prova:

.....

.....

B) Jekk jogħġbok spjega kif jiġi żgurat li l-għajnuna hija limitata għall-minimu neċessarju u pprovdi dokumenti ta' prova:

.....

.....

8.6 *Analiżi tat-tfixkil tal-kompetizzjoni u l-kummerċ* ([163])

8.6.1 Swieq relevanti u effetti fuq il-kummerċ

A) Jekk relevanti, jekk jogħġbok iddeskrivi l-impatt probabbli ta' l-għajnuna fuq il-kompetizzjoni fil-proċess ta' l-innovazzjoni ([164]):

.....

.....

B) Jekk jogħġbok indika jekk hux probabbli li l-għajnuna jkollha impatt fuq is-suq ta' xi prodott.

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok speċifika s-swieq tal-prodotti li fuqhom huwa probabbli li l-għajnuna jkollha impatt:

.....

.....

.....

.....

C) Għal kull wieħed minn dawn is-swieq jekk jogħġbok ipprovdi xi sehem tas-suq indikattiv tal-benefiċjarju:

.....

.....

Għal kull wieħed minn dawn is-swieq jekk jogħġbok ipprovdi xi sehem tas-suq indikattiv tal-kumpaniji l-oħra preżenti fis-suq: Jekk possibbli, jekk jogħġbok ipprovdi l-Indiċi Herfindahl-Hirschman (HHI) assoċjat):

.....

.....

D) Jekk jogħġbok iddeskrivi l-istruttura u d-dinamika tas-swieq relevanti u pprovdi dokumenti ta' prova:

.....

.....

([161]) Jekk jogħġbok innota f'dan il-kuntest li għall-għajnuna mill-Istat immirata għal proġetti jew attivitajiet ta' l-R&D&I fiż-żoni megħjuna, il-Kummissjoni se tqis l-iżvantaġġi kkawżati mill-periferalità u speċifiċitajiet reġjonali oħrajn, li jkollhom impatt negattiv fuq il-livell tar-riskju tal-proġett tar-riċerka.

([162]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 7.3.4.

([163]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 7.4.

([164]) L-impatt fuq il-kompetizzjoni fil-proċess ta' l-innovazzjoni se jkun relevanti safejn ikollu impatt prevedibbli fuq ir-riżultat tal-kompetizzjoni futura fis-suq tal-prodott. Għad-dettalji ara t-Taqsima 7.4 (it-3 paragrafu) tal-Qafas R&D&I.

E) Jekk relevanti, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-effetti fuq il-kummerċ (bidla fil-flussi tal-kummerċ u fil-post ta' l-attività ekonomika):

.....

.....

8.6.2 Tfixkil ta' l-inċentivi dinamiċi

L-elementi li ġejjin se jitqiesu mill-Kummissjoni fl-analiżi tagħha ta' l-effetti ta' l-għajnuna fuq l-inċentivi dinamiċi tal-kompetituri sabiex jinvestu. Jekk jogħġbok indika dawk li fir-rigward tagħhom huma pprovduti dokumenti ta' prova:

☐ ammont ta' l-għajnuna;

☐ qrubija għas-suq/kategorija ta' l-għajnuna;

☐ proċess miftuħ ta' għażla;

☐ ostakli għall-ħruġ;

☐ inċentivi għall-kompetizzjoni f'suq futur;

☐ differenzjazzjoni tal-prodott u intensità tal-kompetizzjoni.

8.6.3 Il-ħolqien tas-saħħa tas-suq

L-elementi li ġejjin se jitqiesu mill-Kummissjoni fl-analiżi tagħha ta' l-effetti ta' l-għajnuna fuq is-saħħa tas-suq tal-benefiċjarju. Jekk jogħġbok indika dawk li fir-rigward tagħhom huma pprovduti dettalji u dokumenti ta' prova:

☐ saħħa tas-suq tal-benefiċjarju ta' l-għajnuna u struttura tas-suq;

☐ livell ta' ostakli għad-dħul;

☐ saħħa tax-xerrej;

☐ proċess ta' l-għażla.

8.6.4 Iż-żamma ta' strutturi tas-suq ineffiċjenti

Jekk jogħġbok speċifika jekk l-għajnuna tingħata:

☐ fi swieq li jkun fihom kapaċità żejda;

☐ f'industriji li qegħdin fi kriżi;

☐ f'setturi sensittivi.

Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji u dokumenti ta' prova:

.....

.....

9. **Akkumulazzjoni** ([165])

A) L-għajnuna li qed tingħata taħt il-miżura nnotifikata hija marbuta ma' għajnuna

☐ iva ☐ le

B) Jekk iva, jekk jogħġbok iddeskrivi r-regoli tà l-akkumulazzjoni applikabbli għall-miżura ta' għajnuna nnotifikata:

.....

.....

.....

.....

C) Jekk jogħġbok speċifika kif ir-rispett tar-regoli tà l-akkumulazzjoni se jiġi vverifikat taħt il-miżura ta' għajnuna nnotifikata.

.....

.....

.....

.....

([165]) Cf. Qafas R&D&I, Kapitolu 8.

([166]) Jekk jogħġbok innota li l-għajnuna għall- R&D&I m'għandhiex tiġi akkumulata ma' l-appoġġ *de minimis* fir-rigward ta' l-istess spejjeż eliġibbli b'mod li ma jiġux rispettati l-intensitajiet massimi ta' l-għajnuna stabbiliti fil-Qafas ta' l-R&D&I.

10. **Mistoqsijiet speċifiċi relatati ma' l-agrikoltura u s-sajd** ([167])

A) L-għajnuna fir-riċerka u l-iżvilupp tikkonċerna prodotti elenkati fl-Anness I tat-Trattat tal-KE?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika t-tip ta' prodotti:

.....

.....

B) Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi t-tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet li ġejjin:

— l-għajnuna hija ta' interess ġenerali fis-settur jew sub-settur partikolari kkonċernat?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, agħti provi:

.....

.....

— l-informazzjoni li se ssir ir-riċerka, u li b'liema għan, hija ppubblikata fuq l-internet qabel il-bidu tar-riċerka U l-informazzjoni ppubblikata tinkludi data approssimattiva tar-riżultati mistennija u l-post tal-pubblikazzjoni tagħhom fuq l-internet, filwaqt li jissemma li r-riżultat se jkun disponibbli mingħajr ħlas?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, agħti provi u speċifika l-indirizz ta' l-internet:

.....

.....

— ir-riżultati tar-riċerka huma disponibbli fuq l-internet, għal perjodu ta' mill-anqas 5 snin U jista' jiġi kkonfermat li l-informazzjoni mogħtija fuq l-internet se tkun ippubblikata mhux aktar tard minn meta tingħata lill-membri ta' kwalunkwe organizzazzjoni partikolari?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, agħti provi:

.....

.....

— l-għajnuna hija mogħtija direttament lill-istituzzjoni jew entità li tagħmel ir-riċerka U teskludi l-għoti dirett ta' għajnuna mhux għar-riċerka lill-kumpanija li tipproduċi, tipproċessa jew tikkummerċjalizza prodotti agrikoli, kif ukoll l-għoti ta' appoġġ tal-prezzijiet għall-produtturi ta' dawn il-prodotti?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, agħti provi:

.....

.....

Jekk it-tweġibiet għal kull waħda mill-erba' kundizzjonijiet tat-Taqsima B aktar 'il fuq huma iva, l-intensità ta' l-għajnuna sa 100% tista' tkun permessa. Jekk le, każijiet ta' għajnuna għall-R&D għal prodotti elenkati fl-Anness I għat-Trattat tal-KE għandhom jiġu eżaminati skond ir-regoli normali tal-Qafas R&D&I.

C) Speċifika l-intensità totali ta' l-għajnuna (%): .....

([167]) Cf. Qafas R&D&I, Kapitolu 9.

D) Kooperazzjoni skond ir-Regolament Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-EAFRD ([168])

Il-kooperazzjoni ġiet approvata għall-kofinanzjament tal-Komunità taħt l-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 U/JEW l-għajnuna mill-Istat hija mogħtija bħala finanzjament addizzjonali taħt l-Artikolu 89 ta' dan ir-Regolament taħt l-istess kundizzjonijiet u bl-istess intensità tal-kofinanzjament ([169])?

☐ iva ☐ le

Jekk le, każijiet ta' għajnuna għall-R&D għal prodotti elenkati fl-Anness I għat-Trattat tal-KE għandhom jiġu eżaminati skond ir-regoli normali tal-Qafas R&D&I.

11. **Rappurtar u monitoraġġ** ([170])

11.1 *Rapporti annwali*

Jekk jogħġbok innota li din l-obbligazzjoni ta' rappurtar hija mingħajr ħsara għall-obbligu ta' rappurtar taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999 ([171]).

Jekk jogħġbok ikkommetti ruħek li tippreżenta rapporti annwali lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-miżura nnotifikata ta' għajnuna, li jkun fih l-elementi kollha elenkati hawn taħt ([172]).

— isem il-benefiċjarju;

— ammont ta' għajnuna għal kull benefiċjarju;

— L-intensità ta' l-għajnuna;

— setturi ta' attività fejn ikun sar il-proġett megħjun.

☐ Iva

11.2 *Dokumenti ta' tagħrif, monitoraġġ*

A) Jekk jogħġbok ikkommetti ruħek li żżomm rekords dettaljati dwar l-għoti ta' l-għajnuna bl-informazzjoni kollha neċessarja sabiex ikun stabbilit li l-ispejjeż eliġibbli u l-intensità massima permissibbli ta' għajnuna jkunu ġew osservati.

☐ iva

B) Jekk jogħġbok ikkommetti ruħek li tiżgura li r-rekords dettaljati msemmija fit-Taqsima A aktar 'il fuq jinżammu għal 10 snin mid-data li fiha tingħata l-għajnuna.

☐ iva

C) Jekk jogħġbok ikkommetti ruħek li tippreżenta r-rekords imsemmija fit-Taqsima A aktar 'il fuq fuq talba tal-Kummissjoni.

☐ iva

12. **Tagħrif ieħor**

Jekk jogħġbok agħti kull tagħrif ieħor li tqis neċessarju sabiex jiġu vvalutati l-miżuri kkonċernati taħt il-Qafas tal-Komunità għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni."

([168]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD), (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1) kif emendat mir-Regolament (KE) nru 1463/2006, (ĠU L 277, 9.10.2006, p. 1).

([169]) Il-Kummissjoni se tippermett l-għajnuna mill-Istat għall-kooperazzjoni skond l-Artikolu 29 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) jekk din il-kooperazzjoni tkun ġiet approvata mill-Komunità għall-kofinanzjament taħt dak l-Artikolu u/jew l-għajnuna mill-Istat tingħata bħala finanzjament addizzjonali taħt l-Artikolu 89 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 taħt l-istess kundizzjonijiet u bl-istess intensità bħall-kofinanzjament.

([170]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 10.1.

([171]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

([172]) Fir-rigward ta' l-obbligi speċifiċi tar-rappurtar għar-ragruppamenti, jekk jogħġbok ara t-Taqsima 10.1.1 (ir-4 paragrafu) tal-Qafas R&D&I.

(c) Id-dokument ta' informazzjoni supplimentari 11 huwa sostitwit b' li ġej:

"PARTI III.11

SKEDA TA' INFORMAZZJONI SUPPLEMENTARI DWAR GĦAJNUNA GĦAL KAPITAL TA' RISKJU

Din il-karta ta' informazzjoni supplimentari għandha tintuża għan-notifika ta' kwalunkwe skema ta' għajnuna koperta mil-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni ta' investimenti ta' kapital ta' riskju f'impriżi ta' daqs żgħir u medju ([173]). *Jekk jogħġbok innota li jekk l-iskema hija koperta minn qafas jew linji gwida oħra, għandha tintuża l-formola ta' notifika standard korrispondenti għall-qafas jew linji gwida rilevanti.*

1. **Il-benefiċjarji possibbli u l-ambitu tal-miżura ta' għajnuna**

1.1 *Min hu involut fl-iskema* ([174]) *(jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda jew iżjed kif xieraq):*

☐ investituri li jistabbilixxu fond jew li jipprovdu ekwità f'kumpanija jew sett ta' kumpaniji. Jekk jogħġbok speċifika l-vantaġġ(i) mogħti(ja):

.....

.....

.....

Jekk jogħġbok speċifika l-kriterji possibbli ta' l-għażla tal-benefiċjarju (eż. sejħa għall-offerti jew stedina pubblika):

.....

.....

.....

L-investimenti jintlaqtu bl-istess mod bejn investituri pubbliċi u oħrajn privati?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok agħti d-dettalji:

.....

.....

.....

☐ fond ta' investiment jew strument ieħor ta' investiment u/jew il-maniġer tiegħu. Jekk jogħġbok speċifika l-vantaġġ(i) mogħti(ja):

.....

.....

.....

Jekk jogħġbok speċifika l-kriterji possibbli ta' l-għażla tal-benefiċjarju (fond/strument ta' investiment u l-ġestjoni) u l-mod li bih jintgħażel (eż. proċedura ta' sejħa pubblika għall-offerti miftuħa u trasparenti):

.....

.....

.....

Il-maniġer jew il-kumpanija li tamministra l-fondi jirċievu rimunerazzjoni li tirrifletti bis-sħiħ ir-rimunerazzjoni attwali fis-suq f'sitwazzjonijiet kumparabbli?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok agħti prova u ehmeż id-dokumenti rilevanti:

.....

.....

.....

([173]) Il-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni ta' investimenti ta' kapital ta' riskju f'impriżi ta' daqs żgħir u medju, (ĠU C 194, 18.8.2006, p. 2), minn hemm 'il quddiem magħrufa bħala "l-RCG".

([174]) Għad-dettalji ara t-Taqsima 3.2 ta' l-RCG.

Il-fond huwa involut f'xi attivitajiet oħrajn?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

☐ L-SMEs li fihom sar investiment. Jekk jogħġbok speċifika l-vantaġġ(i).

.....

.....

.....

Jekk jogħġbok speċifika l-kriterji possibbli ta' l-għażla tal-benefiċjarji:

.....

.....

.....

1.2 *Tista' tikkonferma li l-miżura ta' kapital ta' riskju* ([175]) *teskludi* ([176])*:*

— għajnuna lill-impriżi fl-industrija tal-bini ta' bastimenti, tal-faħam u ta' l-azzar?

☐ iva

— u għajnuna lil impriżi f'diffikultà?

☐ iva

1.3 *Tista' tikkonferma li l-miżura ma tapplikax għal għajnuna għal attivitajiet marbuta ma' l-esportazzjoni, bħal per eżempju l-għajnuna marbuta direttament mal-kwantitajiet esportati, għall-ħolqien u l-ħidma ta' netwerk ta' distribuzzjoni jew għal nefqa kurrenti oħra marbuta ma' l-attivitajiet ta' esportazzjoni, kif ukoll bħala għajnuna kontinġenti fuq il-preferenza ta' l-użu ta' prodotti domestiċi minflok prodotti importati* ([177])*?*

☐ iva

2. **Is-sura ta' l-għajnuna id-daqs u l-perjodu ta' żmien tal-miżura**

2.1 *L-iskema tipprevedi l-miżura/i u/jew l-istrument(i) li ġej(jin) (jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda jew iżjed kif xieraq)* ([178])*:*

☐ l-għamla ta' fond ta' investiment (jiġifieri fond tal-kapital ta' riskju ([179])) li fih hu sieħeb, investitur, jew parteċipant l-Istat. Jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

☐ garanziji fejn il-kopertura pubblika għal telf potenzjali ma taqbiżx il-50 % ta' l-ammont nominali ta' l-investiment garantit lil investituri tal-kapital ta' riskju jew għall-fond tal-kapital ta' riskju, jew fir-rigward ta' għoti b'self lil investituri jew fondi għal investiment f'kapital ta' riskju. Jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

☐ strumenti finanzjarji oħrajn favur investituri tal-kapital ta' riskju jew ta' fondi tal-kapital ta' riskju sabiex jipprovdu kapital addizzjonali għal investiment. Jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

([175]) Għad-definizzjoni ta' "miżuri kapital ta' riskju" ara t-Taqsima 2.2 (k), (l) ta' l-RCG.
([176]) Taqsima 2.1 ta' l-RCG.
([177]) Idem.
([178]) Taqsima 4.2 ta' l-RCG.
([179]) Għad-definizzjoni ara t-Taqsima 2.2(i) ta' l-RCG.

☐ inċentivi fiskali fuq fondi ta' investiment u/jew l-amministraturi tagħhom jew għal investituri sabiex jagħmlu investimenti f'kapital ta' riskju. Jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

☐ oħrajn. Jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

2.2 *X'inhu d-daqs globali tal-baġit tal-miżura, u fil-każ ta' fond x'inhu d-daqs tal-fond? Jekk jogħġbok speċifika:*

.....

.....

.....

Il-miżura għandha tiġi kofinanzjata minn fondi Komunitarji (il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, oħrajn)? Jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

2.3 *Kemm hu d-dewmien tal-miżura, jew fil-każ ta' fond, meta se jkun jista' jikkommetti ruħu għal investiment u kemm ser ikun jista' jdum jagħmel dan? Jekk jogħġbok speċifika:*

.....

.....

.....

3. **Informazzjoni ġenerali dwar it-tfassil tal-miżura**

3.1 *It-tranches massimi ta' investiment għal kull SME* ([180])

X'inhu d-daqs totali massimu tat-tranche ta' finanzi (li tinkludi kemm l-investiment pubbliku kif ukoll dak privat) għal kull impriża mmirata fuq perjodu ta' 12-il xahar. Jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

L-investimenti mmirati għall-impriżi huma limitati biss għal SMEs ([181]) u mhux għal kumpaniji kbar?

☐ iva

3.2 *Restrizzjonijiet fuq il-finanzjament inizjali (seed financing), il-finanzjament ta' bidu (start-up) u l-finanzjament ta' espansjoni* ([182]).

L-investimenti huwa limitati biss għall-finanzjament (jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda jew iżjed kif xieraq):

☐ sa' l-istadju inizjali (*seed stage*) għal impriżi żgħar;

☐ sa' l-istadju inizjali (*seed stage*) għal impriżi ta' daqs medju;

☐ sa l-istadju ta' bidu għal impriżi żgħar;

☐ sa l-istadju ta' bidu għal impriżi ta' daqs medju;

☐ sa' l-istadju ta' l-espansjoni għal impriżi żgħar;

([180]) Għad-dettalji u r-restrizzjonijiet ara t-Taqsima 4.3.1 ta' l-RCG.
([181]) Għad-definizzjoni ara t-Taqsima 2.2(q) ta' l-RCG.
([182]) Għad-dettalji ara t-Taqsima 4.3.2 ta' l-RCG. Għad-definzzjonijiet ta' "*seed*", "*start-up*" u "kapital ta' espansjoni" ara t-Taqsima 2.2 (e), (f) u (h) ta' l-RCG.

☐ sa l-istadju ta' l-espansjoni għal impriżi ta' daqs medju li jinsabu f'reġjuni megħjuna li jikkwalifikaw taħt l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat KE u/jew taħt l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat KE.

☐ restizzjonijiet oħra. Jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

L-investimenti limitati biss għal SMEs li jinsabu f'reġjuni megħjuna li jikkwalifikaw taħt l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat KE u/jew taħt l-Artikolu 87 (3)(c) tat-Trattat KE.

☐ iva ☐ le

3.3 *L-għamla tal-finanzjament fis-sura ta' ekwità, kważi-ekwità (quasi-equity) u debitu* ([183])

Il-miżura tagħti finanzjament lil SMEs fis-sura ta' ekwità ([184])?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika d-dettalji dwar il-kundizzjonijiet li bihom qed jiġi investit il-finanzjament (it-tip ta' remunerazzjoni, il-livell ta' subordinazzjoni, il-garanzija, eċċ.):

.....

.....

.....

Il-miżura tagħti finanzjament lil SMEs fis-sura ta' strument ta' kważi-ekwità (quasi-equity) ([185])?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika d-dettalji dwar il-kundizzjonijiet li bihom qed jiġi investit il-finanzjament (it-tip ta' remunerazzjoni, il-livell ta' subordinazzjoni, il-garanzija, eċċ.):

.....

.....

.....

Il-miżura tagħti mill-inqas 70 % tal-bagit totali tagħha lil SMEs fis-sura ta' ekwità jew kważi-ekwità (quasi-equity)?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok speċifika l-preċentwali ta' l-ekwità u kważi-ekwità (quasi-equity) tal-bagit totali:

.....

.....

.....

Il-miżura tagħti finanzjament lil SMEs fis-sura ta' debitu ([186])?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika d-dettalji dwar il-kundizzjonijiet li bihom qed jingħata d-debitu (it-tip ta' remunerazzjoni, il-livell ta' subordinazzjoni, il-garanzija, eċċ.):

.....

.....

.....

Id-debitu qed jingħata fuq it-termini tas-suq jew jeżisti xi element ta' għajnuna fl-istrument tad-debitu awtorizzat taħt skema eżistenti, jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

([183]) Għad-dettalji u l-kundizzjonijiet ara t-Taqsima 4.3.3 ta' l-RCG.
([184]) Għad-definizzjoni ara t-Taqsima 2.2(a) ta' l-RCG.
([185]) Għad-definizzjoni ara t-Taqsima 2.2(c) ta' l-RCG.
([186]) Għad-definizzjoni ta' "'debitu"' ara t-Taqsima 2.2(d) ta' l-RCG.

3.4 *Il-parteċipazzjoni ta' investituri* ([187]) *privati* ([188])

X'perċentwal tal-finanzjament ta' l-investimenti fl-SMEs jingħata direttament jew indirettament minn investituri privati. Jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

3.5 *Deċiżjonijiet ta' investiment influwenzati mill-qligħ* ([189])

Il-miżura tiżgura li mill-inqas 50 % tal-finanzjament ta' l-investimenti jiġu pprovduti minn investituri privati, jew mill-inqas 30 % fil-każ ta' miżuri mmirati lejn SMEs li jinsabu f'żoni megħjuna ([190])?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok agħti d-dettalji:

.....

.....

.....

Il-miżura tiżgura li investituri privati jinvestu fuq bażi kummerċjali (jiġifieri għall-qligħ biss) direttament jew indirettament fl-ekwità ta' l-impriżi mmirati?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok agħti d-dettalji:

.....

.....

.....

Il-miżura tiżgura li għal kull investiment jkun hemm pjan kummerċjali li jkun jinkludi d-dettalji tal-prodott, il-bejgħ u l-iżvilupp tal-profittabbiltà u li jistabbilixxi il-vijabbiltà ex-ante tal-proġett?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok agħti d-dettalji:

.....

.....

.....

Teżisti strateġija ta' ħruġ ċara u realisitika ([191]) għal kull investiment?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok agħti d-dettalji:

.....

.....

.....

3.6 *Ġestjoni kummerċjali* ([192])

Jeżisti xi arranġament bejn maniġer professjonali jew kumpanija ta' ġestjoni u l-parteċipanti fil-fond li:

— jwassal sabiex ir-rimunerazzjoni tal-maniġer tkun marbuta mal-prestazzjoni?

☐ iva ☐ le

([187]) Għad-dettalji u l-kundizzjonijiet ara t-Taqsima 4.3.4 ta' l-RCG.
([188]) Għal dettalji dwar investimenti/ffinanzjar privat jekk jogħġbok ara t-Taqsima 2.2 (b) u 3.2 (it-tieni paragrafu) ta' l-RCG.
([189]) Għad-dettalji u l-kundizzjonijiet ara t-Taqsima 4.3.5 ta' l-RCG.
([190]) Għad-definizzjoni ara t-Taqsima 2.2(t) ta' l-RCG.
([191]) Għad-definizzjoni ara t-Taqsima 2.2.(p) ta' l-RCG.
([192]) Għad-dettalji u l-kundizzjonijiet ara t-Taqsima 4.3.6 ta' l-RCG.

— jistabbilixxi l-għanijiet tal-fond u ż-żmien propost ta' l-investiment?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok ehmeż kopja ta' l-arranġament jew sommarju tal-prinċipji ta' l-arranġament.

L-investituri mis-suq privat huma rrapreżentati fit-teħid tad-deċiżjonijiet, per eżempju permezz ta' kumitat konsultattiv ta' l-investituri?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika r-rwol tagħhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet:

.....

.....

.....

Teżisti applikazzjoni ta' l-aħjar prattika u sorveljanza regolatorja fil-ġestjoni tal-fondi?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok agħti d-dettalji:

.....

.....

.....

3.7 *Attenzjoni settorjali* ([193])

Il-miżura hija miftuħa għas-setturi kollha?

☐ iva ☐ le

Jekk le, jekk jogħġbok speċifika t-teknoloġiji jew is-setturi u r-raġunijiet wara l-għażla ta' dawn it-teknoloġiji jew setturi:

.....

.....

.....

3.8 *Informazzjoni oħra:*

Jekk jogħġbok, agħti informazzjoni ulterjuri kkunsidrata rilevanti għall-kjarifika tat-tweġibiet ta' hawn fuq:

.....

.....

.....

4. **Tiġi stabbilita l-ħtieġa li titwettaq valutazzjoni ddettaljata** ([194])

Il-livell massimu totali ta' *tranches* ta' investiment (li jinkludi kemm kapital pubbliku kif ukoll privat) jaqbeż il-1,5 miljun EUR għal kull SME mmirat fuq perjodu ta' tnax-il xahar?

☐ iva ☐ le

Il-miżura tipprovdi finanzjament sa l-istadju ta' l-espansjoni għal impriżi ta' daqs medju f'żoni mhux megħjuna?

☐ iva ☐ le

Il-miżura tipprovdi għal investimenti ta' segwitu f'kumpaniji mmirati li diġà rċevew injezzjonijiet ta' kapital f'għajnuna għall-iffinanzjar sussegwenti ta' finanzjamenti ulterjuri lilhinn mill-livelli garantiti u l-finanzjament tat-tkabbir tal-kumpaniji fi stadju bikri?

☐ iva ☐ le

([193]) Għad-dettalji u l-kundizzjonijiet ara t-Taqsima 4.3.7 ta' l-RCG.
([194]) Taqsima 5.1 ta' l-RCG.

Il-miżura tal-kapital ta' riskju tipprovdi inqas minn 70 % tal-baġit totali tagħha fis-sura ta' ekwità u ta' kwaži-ekwità (quasi-equity) fl-SMEs immirati?

☐ iva ☐ le

Il-miżura tipprovdi inqas minn 50 % tal-finanzjament ta' l-investimenti pprovduti minn investituri privati għal investiment immirat lejn SMEs f'żoni mhux megħjuna jew għallinqas 30 % għal SMEs f'żoni megħjuna?

☐ iva ☐ le

Il-miżura tipprovdi kapital inizjali (seed capital) lil impriżi żgħar li jbassru (i) parteċipazzjoni privata inqas jew l-ebda parteċipazzjoni privata minn investituri privati, u/jew (ii) predominanza ta' strumenti ta' investiment ta' debitu meta mqabbla ma' ekwità jew kwaži-ekwità (quasi-equity)?

☐ iva ☐ le

Il-miżuri jinvolvu speċifikament strument ta' investiment (swieq alternattivi ta' stokks speċjalizzati fl-SMEs li jinkludu kumpaniji b'rata għolja ta' tkabbir)?

☐ iva ☐ le

Il-miżura tkopri spejjeż marbuta ma' l-ewwel screening ta' kumpaniji (spejjeż ta' scouting)?

☐ iva ☐ le

L-iskema tipprevedi miżura/i u/jew strument li mhux kopert mit-Taqsima 4.2 ta' l-RCG, jiġifieri wasslet sabiex il-ħames kaxxa 'oħrajn' ġiet immarkata taħt it-Taqsima 2.1 ta' din il-formola, u mhix espliċitament imsemmija hawn fuq?

☐ iva ☐ le

Il-miżura tinvolvi xi element ieħor li jwassal għan-nuqqas ta' konformità ma' kundizzjoni waħda jew iżjed stabbiliti fit-Taqsima 4 ta' l-RCG?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

Jekk it-tweġiba għal mill-inqas mistoqsija waħda fit-taqsima 4 hija 'iva', jekk jogħġbok kompli minn taqsima 5, jekk le kompli f'taqsima 6.

5. **Informazzjoni addizzjonali għall- il-valutazzjoni dettaljata** ([195])

5.1 *Effetti pożittivi ta' l-għajnuna*

5.1.1 L-eżistenza u l-prova tal-falliment tas-suq ([196])

Jekk jogħġbok ehmeż l-evidenza sostantiva tal-preżenza ta' 'falliment tas-suq' li l-miżura hija mfassla sabiex tindirizza. Partikolarment, għal miżuri:

— li jipprovdu tranches ta' iktar minn 1.5 miljun EUR (li jinkludu kemm kapital pubbliku kif ukoll privat) fuq perjodu ta' tnax-il xahar.

— li jipprovdu investimenti ta' segwitu;

— li jiffinanzjaw l-espansjoni ta' l-impriżi ta' daqs medju f'żoni mhux assistiti;

— li speċifikament jinvovlu strument ta' investiment.

L-evidenza għandha tkun ibbażata fuq studju li juri l-livell ta' 'differenza fl-ekwità' fir-rigward ta' l-impriżi u s-setturi li jintlaqtu mir-riskju ta' miżura tal-kapital ta' riskju. Jekk jogħġbok ehmeż dan l-istudju.

L-informazzjoni rilevanti tikkonċerna l-għoti ta' kapital ta' riskju lil-SMEs u l-kapital li jinġabar mill-investituri privati, kif ukoll l-importanza ta' l-industrija tal-kapital ta' riskju fl-ekonomija lokali. Dan idealment jingħata għal perjodi minn tlieta sa ħames snin qabel l-implimentazzjoni tal-miżura kif ukoll għall-ġejjieni, abbażi ta' tbassir raġonevoli, jekk dan ikun disponibbli. L-evidenza li titressaq tista' tinkludi l-elementi li ġejjin:

— l-iżvilupp tal-ġbir ta' fondi fuq il-ħames snin li għaddew, ukoll f'paragun mal-medji korrispondenti nazzjonali u/jew Ewropej;

([195]) Għal dettalji dwar il-valutazzjoni dettaljata u t-test tal-bilanċ ara t-Taqsimiet 5 (1) sa (3) and 1.3 ta' l-RCG.
([196]) Taqsima 5.2.1 ta' l-RCG.

— l-overhang attwali ta' flus, jiġifieri d-differenza bejn l-ammont ta' fondi li jingħabru minn investituri privati għal investimenti u l-ammont li fil-fatt jiġi investit;

— is-sehem ta' programmi ta' investiment iffinanzjati mill-gvern fl-investiment totali tal-kapital ta' riskju fuq it-tlieta sa ħames snin preċedenti;

— il-perċentwal ta' start-ups ġodda li jingħataw kapital ta' riskju.

— id-distribuzzjoni ta' investimenti mogħtija minn investituri mis-suq provat skond il-kategoriji ta' l-ammont ta' l-investiment;

— il-paragun bejn in-numru ta' pjanijiet kummerċjali mressqa u l-għadd ta' investimenti li jsiru skond is-segment (l-ammont ta' l-investiment, is-settur, is-serje ta' finanzjament, eċċ.);

— kwalunkwe indikatur rilevanti ieħor li juri l-eżistenza tal-falliment tas-suq.

Għall-miżuri li jolqtu l-SMEs li jinsabu f'oqsma megħjuna, l-informazzjoni rilevanti trid tiġi ssostanzjata bi kwalunkwe evidenza oħra fir-rigward ta' l-ispeċifiċitajiet reġjonali li jiġġustifikaw l-elementi tal-miżura prevista. L-elementi li ġejjin jistgħu ikunu rilevanti:

— l-istima tad-daqs addizzjonali tad-differenza fl-ekwità kkawżata mill-periferalità u speċifiċitajiet reġjonali, partikolarment fit-termini ta' l-ammont totali tal-kapital ta' riskju investit, l-għadd ta' strumenti ta' finanzjmanet jew investiment fit-territorju jew f'distanza qasira, id-disponibilità ta' maniġers kapaċi, l-għadd ta' tranżazzjonijiet u, jekk disponibbli, id-daqs minimimu tat-tranżazzjonijiet;

— data ekonomika lokali speċifika, ir-raġunijiet soċjali u/jew storiċi għan-nuqqas ta' kapital ta' riskju, f'paragun mad-data rilevanti medja u/jew is-sitwazzjoni fuq livell nazzjonali u/jew Komunitarja kif xieraq;

— kwalunkwe indikatur rilevanti ieħor li juri livell ogħla tal-falliment tas-suq.

5.1.2 Kemm hu xieraq l-istrument ([197])

Teżisti valutazzjoni fuq l-impatt tal-miżura?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok ehmeż taqsira jew it-test sħiħ tal-valutazzjoni ta' l-impatt.

Ġew ikkunsidrati xi għażliet ta' politika oħrajn għat-trattament tad-differenza fl-ekwità minbarra l-għajnuna mill-Istat?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

Ittieħdu xi inizjattivi ta' politika sabiex jiġu kkunsidrati l-kwistjonijiet ta' provvista u domanda li jwasslu sabiex id-differenza fl-ekwità taffettwa l-SMEs li qed jiġu mmirati?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

Jeżistu xi evalwazzjonijiet dwar kif inizjattivi ta' politika ser jinteraġixxu mal-miżura ta' kapital ta' riskju nnotifikata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

([197]) Taqsima 5.2.2 ta' l-RCG.

5.1.3 L-effett ta' l-inċentiv u l-ħtieġa ta' għajnuna ([198])

Il-miżura jew il-fond tal-kapital ta' riskju huma ġestiti minn professjonisti mis-settur privat?

☐ iva ☐ le

Il-miżura hija ġestita minn professjonisti indipendenti magħżula b'konformità ma' proċedura trasparenti li mhix diskriminatorja, preferibbilment permezz ta' sejħa miftuħa għall-offerti?

☐ iva ☐ le

Il-maniġment ser ikollu esperjenza ppruvata u rekord tajjeb f'investimenti kapitali fis-suq idealment fl-istess settur(i) li għalih(om) huma mmirati l-fondi, kif ukoll idea tajba ta' l-isfond legali u kontabbli kollu rilevanti għall-investiment?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

Jeżisti kumitat ta' investiment, indipendenti mill-kumpanija ta' ġestjoni tal-fondi u magħmul minn esperti indipendenti mis-settur privat b'esperjenza sinifikanti fis-settur immirat, kif ukoll, preferibbilment, minn rappreżentanti ta' l-investituri, jew esperti indipendenti magħżula b'konformità ma' proċedura trasparenti u mhux diskriminatorja, preferibbilment permezz ta' sejħa miftuħa għall-offerti?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

L-esperti ser jipprovdu analiżi tas-sitwazzjoni attwali tas-suq, u dik mistennija fil-ġejjieni, lill-maniġers jew lill-maniġment tal-kumpaniji u jiflu bir-reqqa u jipproponulhom impriżi potenzjali bi prospetti tajbin għal investiment?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

Jekk jogħġbok, speċifika d-daqs tal-baġit/id-daqs tal-fond.

.....

Jekk jogħġbok, speċifika l-ispejjeż stmati tat-tranżazzjoni:

.....

Ser ikun hemm l-involviment dirett ta' *business angels* ([199]) fl-investiment matul l-istadu inizjali (seed stage)?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

([198]) Taqsima 5.2.3 ta' l-RCG.
([199]) Għad-definizzjoni ara t-Taqsima 2.2(s) ta' l-RCG.

Hemm xi mekkaniżmi oħra fis-seħħ għall-iżgurar ta' effett ta' inċentiv u l-ħtieġa ta' l-għajnuna?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

5.1.4 Il-proporzjonalità ([200])

X'tinvolvi l-miżura? (jekk jogħġbok immarka kaxxa waħda jew iżjed kif xieraq)

☐ sejħa miftuħa għall-offerti għall-maniġers jew kumpanija ta' ġestjoni. Jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

☐ sejħa għall-offerti jew stedina pubblika għall-investituri. Jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

☐ mekkaniżmi oħra għall-iżgurar li l-ġestjoni jew l-investituri ma jiġux ikkumpensati iktar milli ħaqqhom. Jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

5.2 *Effetti negattivi ta' l-għajnuna*

5.2.1 Crowding-out ([201])

Jekk jogħġbok ehmeż l-evidenza fir-rigward tar-riskju tal-crowding-out ta' l-investimenti fuq il-livell ta' investituri, fondi u/jew strumenti ta' investiment.

L-elementi li ġejjin, per eżempju, jistgħu ikunu rilevanti:

— l-għadd ta' strumenti ta' kumpaniji/fondi/investimenti ta' kapital ta' riskju preżenti fil-livell nazzjonali jew fil-qasam fil-każ ta' fond reġjonali u s-segmenti fejn huma attivi;

— l-impriżi mmirati f'termini tad-daqs tal-kumpaniji, l-istadju tat-tkabbir, u s-settur kummerċjali;

— id-daqs medju tat-tranżazzjoni u possibbilment id-daqs minimu tat-tranżazzjoni li l-fondi jew l-investituri jiflu bir-reqqa;

— l-ammont totali tal-kapital ta' riskju disponibbli għall-impriżi mmirati, is-settur u l-istadju mmirati mill-miżura rilevanti.

Jekk l-investimenti m'humiex ristetti għal reġjuni megħjuna u jekk jiżbqu l-istadju inizjali (start-up stage) għal impriżi ta' daqs medju, jeżisti xi limitu għal kull impriża fuq il-finanzjament totali permezz tal-miżura?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

([200]) Taqsima 5.2.4 ta' l-RCG.
([201]) Taqsima 5.3.1 ta' l-RCG.

Għal miżuri li jipprevedu investiment ta' segwitu, din il-miżura tipprevedi limiti speċifiċi għall-ammont massimu li għandu jiġi investit f'kull SME mmirat, għall-istadju ta' investiment eliġibbli għall-intervent, u/jew għall-perjodu li matulu tista' tingħata l-għajnuna, bil-kunsiderazzjoni lejn is-settur ikkonċernat u lejn id-daqs tal-fond?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

Il-miżura tipprevedi xi limitazzjoni marbuta mas-serje differenti ta' investimenti għal kull SME mmirat jew l-ammont massimu li jista' jiġi investit f'impriża mmirata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

Jekk jiġu previsti miżuri ta' segwitu, jeżisti xi ammont massimu li jista' jiġi investit f'kull SME mmirat, għall-istadju ta' investiment eliġibbli għall-intervent, u/jew għall-perjodu li matulu tista' tingħata l-għajnuna, bil-kunsiderazzjoni lejn is-settur ikkonċernat u lejn id-daqs tal-fond?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

Jekk tiġi prevista parteċipazzjoni inqas minn naħa ta' investituri privati, hemm xi żieda progressiva tal-parteċipazzjoni ta' investituri privati fuq il-ħajja tal-fond, b'kunsiderazzjoni partikolari għall-istadju kummerċjali, il-livelli rispettivi tal-qsim tal-qligħ u s-subordinazzjoni, u possibbilment il-lokalizzazzjoni ta' l-SMEs immirati f'żoni megħjuna.

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

Għal miżuri li jipprovdu biss kapital inizjali (seed capital), hemm xi mekkaniżmu li jiżgura li l-Istat jirċievi dħul xieraq mill-investiment tiegħu li jikkorrispondi mar-riskji ta' dawn l-investimenti, partikolarment fejn l-Istat jiffinanzja l-investiment fis-sura ta' strumenti ta' kwaži-ekwità jew ta' debitu, fejn id-dħul għandu, per eżempju, jkun marbut ma' drittijiet potenzjali ta' esplojtazzjoni (per eżempju, royalties) iġġenerat minn drittijiet ta' propjetà intellettwali stabbiliti bħala riżultat ta' l-investiment?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

5.2.2 Distorsjonijiet oħra tal-kompetizzjoni ([202])

X'inhi l-profitabbiltà globali mistennija tal-kumpaniji li jsir investiment fihom fuq ċertu żmien u l-prospetti ta' profitabbiltà ġejjiena? Jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

X'inhi r-rata mistennija ta' falliment ta' l-impriża mmirata mill-miżura? Jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

X'inhu d-daqs totali massimu tat-*tranche* ta' l-investiment (li jinkludi kemm l-investimenti pubbliċi kif ukoll privati) previsti mill-miżura meta mqabbla mal-bejgħ u n-nefqiet ta' l-SMEs immirati. Jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

Fil-każ ta' fokus settorjali tal-miżura, hemm xi kapaċità eċċessiva tas-settur li jgawdi mill-għajnuna? Jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika fis-settur(i):

.....

.....

.....

Hemm xi mekkaniżmi oħra fis-seħħ sabiex jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Jekk jogħġbok speċifika:

.....

.....

.....

6. **L-akkumulazzjoni ta' l-għajnuna** ([203])

L-għajnuna tista' tingħata taħt il-miżura notifikata flimkien m'għajnuna oħra ([204])?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok agħti d-dettalji (eż.ma' liema xorta ta' għajnuna hija magħquda l-għajnuna mogħtija taħt il-miżura notifikata):

.....

.....

.....

Jekk iva, jekk jogħġbok ikkonferma dan li ġej:

L-Istat Membru jimpenja ruħu li jnaqqas il-limiti ta' l-għajnuna rilevanti jew l-ammonti eliġibbli massimi b'50 % in ġenerali u b'20 % għall-SMEs immirati li jinsabu f'żoni megħjuna matul l-ewwel tliet snin ta' l-ewwel investiment ta' kapital ta' riskju u sa l-ammont totali li jingħata, fejn il-kapital mogħti lil impriża mmirata skond il-miżura ta' kapital ta' riskju użata għall-iffinanzjar ta' l-investiment inizjali jew nefqiet oħra eliġibbli għal għajnuna taħt ir-regolamenti ta' l-eżenzjoni ta' kategorija, linji gwida, oqfsa, jew dokumenti oħra dwar l-għajnuna mill-Istat. Dan it-tnaqqis ma japplikax għal intensitajiet ta' għajnuna previsti fil-Qafas Komunitarju għall-għajnuna mill-Istat għar-Riċerka u l-Iżvilupp ([205]) jew fi kwalunkwe qafas sussegwenti jew regolament dwar l-eżenzjoni ta' kategorija f'dan il-qasam.

☐ iva

([202]) Taqsima 5.3.2 ta' l-RCG.
([203]) Taqsima 6 ta' l-RCG.
([204]) Għall-kumulu ta' għajnuna *de minimis* jekk jogħġbok ara l-Artikolu 2 (5) ta' l-eżenzjoni ta' kategorija *de minimis* (Ir-regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna *de minimis*, (ĠU L 389, 28.12.2006, p. 5).
([205]) ĠU C 45, 17.2.1996, p. 5.

7. **Il-monitoraġġ** ([206])

L-Istat Membru jimpenja ruħu li jressaq rapporti annwali quddiem il-Kummissjoni li jkunu jinkludu tabella mqassra b'analiżi ta' l-investimenti li jingħataw minn fond jew skond il-miżura tal-kapital ta' riskju li tinkludi lista ta' l-impriżi kollha li jgawdu minn miżuri ta' kapital ta' riskju kif ukoll deskrizzjoni qasira ta' l-attività tal-fondi ta' investimenti bid-dettalji tat-tranżazzjonijiet potenzjali miflija u tat-tranżazzjonijiet attwalment impenjati kif ukoll tal-prestazzjoni ta' l-istrumenti ta' investiment b'informazzjoni aggregata dwar l-ammont ta' kapital miġbur permezz ta' l-istrument.

☐ iva

L-Istat Membru jimpenja ruħu li jippubblika t-test sħiħ ta' iskemi ta' għajnuna finali kif approvati mill-Kummissjoni fuq l-internet u li jgħarraf lill-Kummissjoni bl-indirizz tal-pubblikazzjoni fuq l-internet.

☐ iva

L-Istat Membru jimpenja ruħu li għal mill-inqas 10 snin iżomm rekords dwar l-għoti ta' l-għajnuna għall-miżura tal-kapital ta' riskju bl-informazzjoni kollha neċessarja sabiex jistabbilixxi li l-kundizzjonijiet stipulati fl-RCG jkunu ġew rispettati, notevolment rigward id-daqs tat-tranche, id-daqs tal-kumpanija (ta' daqs zgħir jew medju), l-istadju ta' l-iżvilupp tal-kumpanija (inizjali (seed), ta' bidu jew ta' espansjoni), is-settur ta' l-attività tagħha (preferibbilment sa erba' figuri diġitali tal-klassifika NACE) kif ukoll informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-fondi u dwar kriterji oħrajn imsemmija fil-linji gwida.

☐ iva

L-Istat Membru jimpenja ruħu li jressaq ir-reġistri msemmija hawn fuq fuq talba tal-Kummissjoni.

☐ iva

8. **Informazzjoni oħra**

Jekk jogħġbok indika hawnhekk kwalunkwe informazzjoni oħra li tikkunsidra li hija rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura(i) kkonċernata/i skond *il-Linji Gwida Komuitarji dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni ta' investimenti ta' kapital ta' riskju f'impriżi ta' daqs żgħir u medju*.

([206]) Taqsima 7.1 ta' l-RCG."

ANNESS II

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 qiegħed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Anness II

Formola ta' notifika ssimplifikata

Din il-formola tista' tintuża għan-notifika sempliċi skond l-Artikolu 4 (2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([1])

1. **Skema ta' għajnuna approvata minn qabel** ([2])

1.1. Numru ta' l-għajnuna allokat mill-Kummissjoni: .....

1.2. Titlu: .....

1.3. Data ta' l-approvazzjoni [b'referenza għall-ittra tal-Kummissjoni (SG(..)D/...]: .....

1.4. Notifika fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*: .....

1.5. Għan primarju (jekk jogħġbok speċifika wieħed): .....

1.6. Bażi ġuridika: .....

1.7. Baġit globali: .....

1.8. Tul ta' żmien: .....

2. **Strument suġġett għal notifika**

☐ baġit ġdid (jekk jogħġbok speċifika l-baġit globali kif ukoll dak annwali fil-munita nazzjonali rispettiva): .....

☐ tul ta' żmien ġdid (jekk jogħġbok speċifika d-data tal-bidu li minnha l-għajnuna tista' tingħata u l-aħħar data li fiha tista' tingħata l-għajnuna): .....

☐ tidjiq tal-kriterji (jekk jogħġbok indika jekk l-emenda tirrigwardax tnaqqis ta' l-intensità ta' l-għajnuna jew spejjeż eliġibbli u speċifika d-dettalji): .....

3. **Validità ta' l-impenji**

☐ Jekk jogħġbok ikkonferma li l-impenji pprovduti mill-Istat Membru għall-fini ta' skema ta' għajnuna approvata minn qabel huma validi għal kollox ukoll għall-miżura l-ġdida nnotifikata.

Jekk jogħġbok ehmeż kopja tas-siltiet relevanti tat-test(i) finali tal-bażi legali.

([1]) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal- KE (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1935/2006, (ĠU L 407, 30.12.2006, p. 1).

([2]) Jekk l-iskema ta' għajnuna ġiet innotifikata lill-Kummissjoni f'aktar minn okkażjoni waħda, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji għall-aħħar notifika sħiħa li ġiet approvata mill-Kummissjoni."